# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' April 2018**

**Cittazzjoni Numru : 1173/2011/JPG**

**Kawza Numru : 23**

**L-Avukat Dottor Mark Attard Montalto (I.D. 220073M), Henry Deguara Caruana Gatto (I.D. 531660M) u l-Avukat Dottor Francis Lanfranco (I.D. 381250M)**

**-VS-**

**L-Avukat Dottor Michelle Tabone (I.D. 13871M) bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, amministratur tal-Beni Ekklesjastici kollha ta'Malta u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2012 jizdiedu l-kliem wara l-kelma Malta "kif ukoll f'isem l-Arcidjocesi ta' Malta" u b'digriet datat 20 ta' Frar 2014 giet kjamata in kawza il-Parocca ta' Wied il-Ghajn.**

**Il-Qorti ,**

Rat r-rikors guramentat tal-atturi tal-25 ta'Novembru 2011, illi jaqra hekk:

1. *Illi l-ahwa Agatha Formosa Gauci u Maria Carmela sive Carmelina Debattista kienu flimkien propretarji tal-proprjeta' gewwa Marsascala msemmija "Villa Manduca" flimkien mal-gonna u l-artijiet annessi maghha u l-Kappella iddedikata lill-Madonna tar-Ruzarju u dana oltre l-proprjeta' immobbli adjacenti f'livell aktar baxx ghal-istess Villa u Kappella konsistenti f'numru ta' djar zghar.*

2. *Illi, l-istess ahwa Formosa Gauci kienu wkoll igawdu d-dritt ta' Giuspatronat fuq l-imsemmija Kappella li l-kwadru titulari taghha kien jirraprezenta lil-istess Madonna tar-Ruzarju u li ghalih kien hemm devozzjoni kbira b'mod illi kienu jsiru diversi weghdiet minn diversi individwi u sahansitra fl-istess gwarnic tat-titular jinsabu diversi donazzjonijiet votivi ta' deheb u hagar prezzjuz.*

3. *Illi ta' kull sena f'Ottubru l-festa tal-Madonna tar-Ruzarju kienet tigi ccelebrata fl-istess Kappella b'mod solenni, u apparti mill-quddies li kien isir bi preparazjoni ghall-istess festa, nhar il-festa kienet issir il-quddies solenni bil-pompa kollha fil-Kappella u l-Kapppillan ta' Marsascala kien imexxi l-purcissjoni tal-istess festa mill-knisja Parokkjali ghall-istess kappella fejn kien jipprezenta nxemgha lis-sidien u dana apparti t-talb li kien isir mid-devoti fl-istess Kappella.*

4. *Illi l-istess ahwa Formosa Gauci , apparti milli jiehdu hsieb illi l-Kappella tigi armata bit-tezori kollha taghha u bl-armar solitu ghal-festa li biha kienet tkun arredata kull sena ghall-imsemmja festa, kienu wkoll jiehdu hsieb li jonoraw u jassikuraw illi jigu mwettqa l-pizijiet u l-obbligi piji kollha imposti fuq l-istess imsemmija Kappella a tenur tal-fondazzjoni fl-atti tan-Nutar Guzeppe Metropoli tat-13 ta'Lulju 1855, u fost hwejjeg ohra jassikuraw illi jsir numru ta' quddies pjuttost konsiderevoli li kien gie mpost mill-antenati taghhom u ghas-sufragju ta' ruhhom.*

5. *Illi meta kienu waslu ghal eta' pjuttost matura u, billi ma kellhomx tfal, l-ahwa Formosa Gauci bdew jinkwetaw serjament minn kien ser ikompli iwettaq l-obbligi li huma kellhom u jkompli jiehu hsieb illi l-festa msemmija tkompli issir bl-istess solennita' kif huma dejjem hadu hsieb. Ghalhekk kemm personalment u bl-operat tal-esponenti Avukat Dottor Francis, Lanfranco huma avvicinaw lill-Arcisqof Metropolitan ta' Malta ta' dak iz-zmien u cioe' lill-Eccellenza Tieghu Monsinjur Guzeppi Mercieca u flimkien mieghu u mal-Vikarju tieghu Monsinjur Annetto Depasquele bdew jiddiskutu l-possibilita' ta' donazzjoni lill-istess Arcisqof 'pro tempore' ta' Malta sabiex l-istess kult tal-Madonna tar-Ruzarju – li tant kien ghal qalbhom – ikun jista jitkompla, filwaqt illi jitkomplew jitwettqu l-obbligi piji kollha imposti fuq l-istess kappella u, fl-istess hin, issir donazzjoni wkoll tal-Villa Manduca, flimkien mal-gonna u l-artijiet annessi maghha u d-djar adjacenti f'livell aktar baxx minha u dana sabiex jintuzaw esklussivament bhala "dar tal-kleru ghas-sacerdoti sekulari u religjuzi jew bhala residenza jew uzu iehor mis-seminaristi tal-arcidjocesi, jew ghal xi uzu iehor spiritwali, pastorali u/jew edukattiv li jigi determinat mill-istess Arcisqof." Id-donazzjoni kellha tinkludi wkoll il-kontenut kollu tal-Kappella li kien estensiv u kien jinkludi hafna fided, abiti sagri kwadri taz-zejt, qniepen, gandlieri, lampieri u kwalunkwe haga ohra mehtiega ghall-armar ta' knisja / kappella u ghac-celebrazzjoni tal-funzjonijiet.*

6. *Illi wara diversi laqghat mall-imsemmi Arcisqof Mercieca u l-Vikarju Isqof Depasquele, li ghalihom l-esponenti Avukat Dottor Francis Lanfranco kien dejjem prezenti, fid-29 ta'Jannar 1997 l-istess esponenti Dottor Lanfranco irceva nota minghand Monsinjur Depasquele –Dok A - flimkien ma zewg ittri ohra bl-istess data – Dok B – li intbaghtu lill-ahwa Formosa Gauci u li kienu fil-forma ta' abbozz ghal proposta donazzjoni fuq imsemmija.*

7. *Illi, wara illi saru diskussjonijiet ulterjuri u wara illi saru l-korrezzjonijiet mehtiega, kien gie iffirmat il-konvenju tal-11 ta'Frar*

*1997 –Dok C – li gie debitament estiz diversi drabi – Dok D – u fil-14 ta' Awwissu 1997 gie iffirmat il-kuntratt ta'donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino –Dok E – li permezz tieghu l-ahwa Formosa Gauci assenjaw u ittrasferew b'titolu ta' donazzjoni lid-Donatorju – cioe' lill-Arcisqof pro tempore ta' Malta – is-segwenti:*

*(a) Il-propjeta' immobili imsemmija "Villa Manduca" bla numru, flimkien mal-gonna u l-artijiet annessi maghha u bini iehor ezistenti fl-istess artijiet, komprizi wkoll il-Kappella adjacenti u bla numru, dedikata lil-Madonna tar-Ruzarju, liema Villa u Kappella huma accessibli minn rampa fi Triq Sant' Anna gja' New Street, Marsaskala, u l-istess Villa u artijiet u Kappella flimkien huma konfinanti mix-Xlokk in parti ma Triq Sant' Anna gja New Street u in parti ma beni tad-donaturi u mill-Grigal u mill-Majjistral ma sqaq bla isem.*

*(b) Il-propreta' immobili adjacenti ghall-imsemmia Villa u kappella konsistenti fil-fondi li jgibu in-numri mija (100), mija u wiehed (101) , mija u tnejn (102), mija u erbgha (104), mija u hamsa (105), mija u sitta(106), mija u sebgha (107), mija u tmienja (108) u mija u disgha (109), kollha fi Triq Sant' Anna gja New Street Marsaskala.*

*Il-fuq imsemmi immobili gew trasferiti bhala liberi u franki u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom*

*(c) Il-kontenut mobbli kollu ezistenti fl-imsemmija Kappella, elenkat fid-Dokument 'A' mal-istess imsemmi kuntratt.*

*(d) Kwalunkwe dritt ta' Giuspatronat lid-Donaturi jgawdu fuq il-Kappella tal-Madonna tar-Ruzarju fuq imsemmija*

8. *Illi a tenur tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet ftehmu 'inter alia':*

   (i) *Illi l-proprjeta' donata ghandha tintuza esklusivament, skond il-modalitajiet li jistabbillixxi l-Arcisqof ta' Malta, pro tempore, ghal dawn l-iskopijiet , u cioe' bhala :- "Dar tal-Kleru" ghas-Sacerdoti Sekulari u Religjuzi, jew bhala residenza jew uzu iehor mis-Seminaristi ta' l-Arcidjocesi jew ghal xi uzu iehor spiritwali, pastorali u/jew edukattivi li jigi determinat mid-Donatorju jew mis-Successuri tieghu fit-titolu.*

   (ii) *Illi d-Donatorju qieghed jobbliga ruhu minn issa illi jonora u jwettaq il-pizijiet u l-obbligi piji kollha mposti fuq il-kappella tal-Madonna tar-Ruzarju, u dana ad litteram u a tenur tal-kuntratt tal-Fondazzjoni fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropli tat-tlettax ta' Lulju tas-sena elf tmien mija u hamsa u tmenin (1855), li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa bhala Dokument "B" u tad-degrieti moghtija mill-Eccelenza Tieghu Monsinjur Arcisqof Publio Maria Sant tat-tmiena ta' Mejju tas-sena tmien mija u hamsa u hamsin (1855) u tat-tnejn u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elf tmien mija u hamsa u hamsin (1855), u dana dejjem sakemm ma jkunx inkonsistenti mal-ligijiet min zmien ghal zmien vigenti fil-Knisja.*

   (iii) *Illi d-Donatorju, bhala sinjal ta' rikonoxxenza qieghed ukoll jobbliga ruhu illi, oltre ghall-obbligi imposti fil-Fondazzjoni fuq imsemmija jiehu hsieb li jigi celebrat numru ta'Quddies u li jsir talb ghall-intenzjoni tad-Donaturi kemm matul hajjithom kif ukoll ghas-sufragju tar-ruh taghhom wara mewthom, u minn issa wkoll ghas-sufragju tal-genituri taghhom.*

   (iv) *Illi matul hajjitha, id-Donatrici Agatha Formosa Gauci jkollha d-dritt illi, bi ftehim mad-Donatorju, tuza parti mil-proprjeta' oggett ta' din id-donazzjoni, u jkollha wkoll id-dritt*

*illi tipprezenta qassis tax-xelta taghha sabiex jiccelebra l-festa annwali tal-madonna tar-Ruzarju fil-Kappella hekk imsemmija, li taghmel parti minn din id-donazzjoni.*

9. *Illi xi gimgha wara illi saret l-imsemmija donazzjoni l-esponenti Dottor Lanfranco kien mar fil-Palazz Arciveskovili tal-Imdina sabiex jiftiehem mal-Arcisqof Mercieca dwar il-gbir ta' xi fided imsemmija fl-inventarju anness mal-kuntratt in kwistjoni u li fil-fatt kienu ghadhom fid-dar tar-residenza ta' Agatha Formosa Gauci. Meta l-istess esponenti dahal fil-kamra laterali tal-lemin tal-istess Palazz Arciveskovili, huwa induna illi l-kwadru titulari tal-Madonna tar-Ruzarju tal-imsemmija Kappella,hekk imsejha kien imdendel fuq il-hajt tal-istess kamra. Meta l-esponent esprima s-sorprisa tieghu dwar dan, l-Arcisqof Mercieca qallu illi dana kien tnehha minn posthu fil-kappella donata ghal finijiet ta' sigurta'. L-esponent staqsa lill-Arcisqof dwar il-kumplament tal-ogetti mobili l-ohra elenkati fl-invetarju u huwa wiegbu illi dawn kienu kollha ingiebu fid-depozitu tal-Muzew tal-Katidral "for safe – keeping", sakemm isiru it-tiswijiet mehtiega fil-proprjeta' donata!*

10. *Illi sa mid-data tad-donazzjoni, id-Donatorju naqas milli jwettaq l-obbligi kollha hemmhekk assunti minnhu – inkluz dawk religjuzi – u dana ghad dispjacir u inkwiet kbir taz-zewg ahwa donaturi, li kultant zmien kienu ifakkru lid-Donaturju b'dan in-nuqqas u fil-fatt fil-21 ta'Frar 2010 l-istess donaturi kitbu lid-Donatorju b'dan in-nuqqas u, esprimew id-dispjacir kbir taghhom minhabba l-istat tremend ta' nuqqas ta' manutenzjoni tal-proprjeta' donata kif ukoll minhabba ghall-fatt illi x-xewqat taghhom "ma kienux qeghdin jigu mwettqa matul hajjithom ahseb u ara wara mewthom !" –Dok F L-ircevuta ta' dina l-ittra datata il-25 ta'Frar 2000 –Dok G – intbaghtet lid-donaturi minghand id-Donatorju.*

11. *Illi l-uniku uzu li kien sar mill-proprjeta' in kwistjoni kien illi f'xi zmien inhadmu xi xeni tad-dramm bil-Malta li kien igib l-isem "Ghada Jisbah Ukoll" u li kien intwera fuq it-televizjoni lokali gewwa parti mill-Villa*

*Manduca u dana certament mhux a tenur tal-kundizzjonijiet tal-att ta' donazzjoni!*

12. *Illi d-donatrici Maria Carmela sive Carmelina Debattista mietet fis-6 ta' Awwissu tas-sena elfejn (2000) u in forza tat-testment sigriet taghha tat-13 ta'Marzu elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) miftuh u ippublikat minn Nutar Dottor Eugene Montanaro fis-7 ta'Dicebru tas-sena elfejn (2000) 'inter alia' hija innominat lir-rikorrenti Avukat Dottor Francis lanfranco bhala l-werriet taghha –Dok H.*

13. *Illi in forza ta' kuntratt ta' donazzjoni tas-7 ta' frar tas-sena elfejn u seba' (2007) fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, id-donatrici Agatha Formosa Gauci ittrasferiet b'titolu ta'donazzjoni lir-rikorrenti Avukat Dottor Mark Attard Monalto u Henry Deguara Caruana Gatto in solidum bejniethom kwalunkwe dritt illi hija kien baqghalha (residual rights) fuq il-proprjeta' kollha donata fuq ahjar deskritta –Dok I. Illi Agatha Formosa Gauci mietet fid-29 ta'Dicembru tas-sena elfejn u seba' (2007).*

14. *Illi sadanittant id-Donatorju kompla jinjora l-kundizzjonijiet tal-att ta' donazzjoni u ghalhekk fit-18 ta' Awwissu 2007, l-esponenti Avukat Francis Lanfranco kellu laqgha mal-Arcisqof Pawlu Cremona fejn tennielu illi ghalkemm kienu ghaddew aktar minn ghaxar snin mid-data tad-donazzjoni in kwistjoni x-xewqat tad-donaturi ma kienux ghadhom gew imwettqa b'ebda mod*

15. *Illi wara l-imsemmija laqgha, l-istess Arcisqof Cremona kellu jikkomunika mal-esponenti Avukat Lanfranco, pero', peress illi wara t-trapass ta' hames gimghat ma kienet waslet ebda risposta fl-14 ta' Settembru 2007 intbaghtet ittra –Dok J – mill-esponenti kollha li ghaliha ma hadu l-ebda risposta.*

16. *Illi, peress illi sal-5 ta'Dicembru 2007, l-esponenti ma hadu l-ebda risposta u kollox baqgha kif kien, huma dakhinhar ipprezentaw il-*

*protest gjudizzjarju f'dina l-Qorti li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness – Dok K.*

17. *Illi sadanittant il-fond donat waqgha fi stat ta abbandun totali u dan kif jirrizulta ahjar mill-annessi ritratti – Dok L6 sa L12 – u naturalment, l-obbligi imposti mid-donaturi baqghu ma jigux rispettati.*

18. *Illi wara l-imsemmi proptest kienu saru diversi laqghat u abbokkamenti kif ukoll korrispondenza bejn l-esponenti u Raymond Bonnici ghall-intimat u l-Konsulent Legali tieghu Dottor Dominic Cassar u fil-laqgha li saret fl-edificju tal-Kurja Arciveskovili l-Furjana fil-14 ta'Jannar 2009, l-esponenti gew infurmati mill-istess Raymond Bonnici u l-Avukat Dominic Cassar illi huma (f'isem id-Donatarju) kienu disposti illi jirrexxindu parzjalment l-att ta' donazzjoni in kwistjoni u filwaqt illi kienu ser jirritornaw lura lil-esponenti l-imsemmija "Villa Manduca" kif ukoll il-Kappella tal-Madonna tar-Ruzarju u l-gnien u l-artijiet annessi maghhom kif ukoll l-oggetti kollha mobili indikati fl-inventarju. Id-Donatorju kien ser izomm l-fondi bin-numru mija (100), mija u wiehed (101) , mija u tnejn (102), mija u erbgha (104), mija u hamsa (105), mija u sitta(106), mija u sebgha (107), mija u tmienja (108) u mija u disgha (109), kollha fi Triq Sant' Anna Marsaskala bil-kundizzjoni pero' illi l-esponenti kelhom jehilsu dina l-proprjeta mill-obbligi kollha imposti fil-kuntratt ta' donazzjoni kif fuq imsemmi. Kellu wkoll jigi impost is-servitu ta' "altius non tollendi" fuq l-imsemmija proprjeta' gewwa Triq Sant' Anna sabiex b'hekk id-Donatorju ma jkunx jista' jgholli fuq il-proprjeta' ezestenti b'mod illi jostakola l-vista tal-Villa Manduca u l-Kappella tar-Ruzarju. L-esponenti accettaw dina l-proposta minnufih.*

19. *Illi, ghalhekk fuq proposta tal-istess ufficjal tad-Donatorju gie iffissat access fuq il-propjeta' in kwistjoni ghad-29 ta' Mejju 2009 u l-esponenti iltaqghu fuq il-post flimkien ma Raymond Bonnici u l-Perit tad-Donatorju Ramon Gauci sabiex isir ftehim dwar id-delmitazzjoni tal-istess propjeta' fuq imsemmija u wara ftit zmien mill-istess access l-*

*esponenti ircevew il-pjanta kif maghmula mill-istess Perit ramon Gauci – Dok M – flimkien mall-abbozz tal-kuntratt li kellhu jsir bejn il-partijiet – Dok N – sabiex il-proposta fuq imsemmija tigi legalizzata.*

20. *Illi l-esponenti, ghamlu xi emendi zghar ghall-istess abbozz li huma baghtu lir-rapprezentanti tad-Donatorju u saru diversi abbokkamenti ulterjuri u telefonati kif ukoll ittri bejn il-partijiet dwar il-konkluzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi.*

21. *Illi filwaqt illi l-esponenti baqghu jistennew appuntament minghand ir-rapprezentanti tad-Donatorju sabiex jigi konkjuz il-kuntratt in kwistjoni kif suggerit minnhom stess, huma saru jafu permezz tal-gazzetta The Independent tat-3 ta'Lulju 2010 – Dok O – illi l-istess imsemmi Raymond Bonnici kien qabad u ipprezenta applikazzjoni mal-MEPA numerata 01284/2010 fejn huwa talab il-permess sabiex iwaqqgha l-fondi fuq imsemmija gewwa Sant Anna Marsascala u jibni minflokhom binja ta' seba' sulari – li wkoll zgur mhuwiex kompemplat fl-atti ta' donazzjoni.*

22. *Illi, ghalhekk billi jidher illi d-Donatorju mhuwiex fi hsiebhu jikkonkludi l-kuntratt mal-esponenti suggerit minnhu u billi sallum, wara it-trapass ta' aktar minn erbatax –il sena, ghadu ma wettaqx l-obbligi imposti fuqhu fl-imsmmi att ta' donazzjoni tal-14 ta' Awwissu 1997 u dana b'mod illu huwa ghalhekk bilfors iddekada minn kwalunkwe dritt illi huwa akkwista taht l-istess Att.*

*Jghid ghalhekk l-istess intimat, ghaliex prevja d-dikjarazzjoni tad-dekadenza tieghu minn kull dritt akkwistat minnhu taht l-imsemmi Att ta'donazzjoni tal-14 ta' Awwissu 1997 u prevja wkoll il-mankanza da parti tad-Donatorju tal-adempiment tal-obbligazzjonjiet minnhu assunta minhabba l-premess, ghaliex dina l-onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tordna r-rexxissjoni tal-imsemmi Att ta' donazzjoni fl-atti tan-nutar Dottor Paul Pullicino tal-14 ta'Awwissu 1997 u l-konsegwenzjali*

*reverzjoni tal-proprieta' kollha hemmhekk donata – sija immobli kif ukoll mobbli – kif ahjar fuq deskritta u fl-imsemmi Att u l-inventarju anness mieghu u dana a favur tal-esponenti u cioe' kwantu ghall-nofs indiviz a favur tal-esponenti Avukat Dottor Francis Lanfranco bhala successur fit-titolu tad-donatrici Carmelina Debattista u kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor a favur tal-esponenti Avukat Dottor Mark Attard Montalto u Henry Deguara Caruana Gatto bejniethom bhala successuri fit-titolu tad-donatrici l-ohra Agatha Formosa Gauci;*

2. *Tordna l-konsegwenzjali zgumrament tal-intimat mill-proprieta kollha in kwistjoni u l-konsegna lura lill-esponenti tal-istess proprieta' u kull oggett mobbli indikat fl-inventarju u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi fissat lilhu minn dina l-Ononorabbli Qorti;*

3. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-Att ta' rexxissjoni relattiv u kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess Att u tiffissa jum, hin u lok ghall-imsemmija pubblikazzjoni;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Protest Gjudizzjarju fuq imsemi, kontra l-intimat li minn issa jibqa' mharrek ghas-subizzjoni u b'riserva ghall-kull azzjoni ta' danni spettanti lill-esponenti skond il-Ligi"*

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tat-23 ta' Dicembru 2011 (a fol.61 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi preliminarjament l-eccipjenti nomine, u cioe' Monsinjur Arcisqof f'ismu proprju, mhuwiex il-legittimu kontradittur stante illi il-kuntratt ta' donazzjoni ta' 1-erbatax (14) t'Awwissu tas-sena elf. disa' mija u sebgha u disghin (1997), in atti in-Nutar Dottor Paul Pullicino, li tieghu qed tintalab ir-rexxissjoni, ma' kienx kuntratt li*

*sar mal-konvenut prioprio imma ma' 1-Enti Guridiku Ekklesjastiku "1-Arcidjocesi ta' Malta". u ghalhekk il-konvenut Monsinjur Arcisqof fil-persuna ta l-Ekononni kif rapprezentat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti*

2. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-atturi ghandhom jippreciżaw jekk id-dekadenza vantata u t-talba ghar-rexxissjoni hiex qed issir minhabba l-allegat inadempjenza ta l-ohbligi kontrattwali jev minhabba illi, skond 1-atturi, l-konvenut ma resaqx ghall-kuntratt skont l-abbozz ezebit hhala Dok. "N". mar-Rikors Guramentat.*

3. *Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju. kwalsiasi diskussjonijiet illi saru, saru mill-atturi mal-Arcidjocesi ta Malta u mhux mal- konvenut odjern u saru minghajr pregudizzju ghad-drittijiet rispettivi u ghalhekk r-riferenza ampja ghall-istess diskussjonijiet illi ssir fir-Rikors Guramentat hija kontra kull etika professjonali, irritwali U invalida fic-cirkostanzi . Jigi umilment sottomess, illi ghalkemm 1-esponenti nomine ma tichadx li kien hemm diskussjonijiet, in-natura ta dawk id-diskussjonijiet u x'gie ezattament diskuss u propost. mhuwiex dak necessarjament indikat u lanqas in toto dak imsemmi fir- Rikors Guramentat.*

4. *Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju. huwa assolutament michud ill l-imsemmija negozjati kienu wasslu f'xi ftehim vincolanti bejn 1-Atturi u 1-Arcidjocesi ta' Malta.*

5. *Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, 1-atturi jridu jispecilikaw liema obbligi kontrattwali huma jsostnu illi ma gewx adempiti. u minn issa l-eccipjenti tichad li d-donazzjoni ta Awissu tas-sena 1997, kienet vinkolata bl-obbligi kollha msemmija fir-Rikors Guramentat.*

6. *Illi, suhordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhuwiex minnu illi il-konvenut kien adempjenti f'xi obbligu minnu assunt fil-kuntratt ta' 1-erbatax (14)tAwwissu tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (1997). in atti in-Nutar Dottor Paul Pul1icino.*

7. *Illi, subordinatarnent u minghajr ebda pregudizzju, anke li kieku dato ma non concesso kien hemm xi inadempjenza f xi wahda mill-obbligi, dawn l-obbligi kienu ta' natura modali (modus), u mhux kondizzjoniali (conditio), u ghalhekk skont il-Ligi u il-gurisprudenza taghna, it-talba tar-rexxizzjoni hija guridikament irrita, nulla u inammissibli, stante li tali rimedju japplika biss ghall-klawsoli ta' natura ta' conditio u mhux dawk fin-natura taghhom modali (modus) u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu kollha respinti.*

*Illi dwar il-fatti kif esposti fir-Rikors Guramentat, 1-esponenti umilment tissottometti:*

*(i) illi filwaqt illi tikkonferma li kien sar il-kuntratt ta Donazzjoni tal-14 ta' Awissu 1997 tikkontesta li l-fatti li wasslu ghall-istess kuntratt huma kif imnizzla fir- Rikors Guramentat u;*

*(ii) li tikkontesta ukoll il-bqija tal-fatti sehhew kif riportati fl-istess Rikors Guramentat u ghalhekk 1-atturi ghandhom jippruvaw tali fatti jekk ghadhom qed isostnuhom.*

*(iii) illi 1-esponenti taf bil-fatti fuq imsemmija di scentia propria"*

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Kjamata in Kawza Paorcca ta' Wied il-Ghajn tas-7 ta' Marzu 2011 a fol 534 *et seqq* li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-atturi iridu jipprovaw it-titolu taghhom li bih isostnu li jistghu jintavolaw din il-kawza gialadarba l-ebda wiehed minnhom ma kien id-"donatur".*

2. *Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni attrici hija improponibbli u inamissibli stante li mill-kuntratt ta' donazzjoni mertu ta' din il-kawza jirrizulta li din kienet "donazzjoni irrevokabbli".*

3. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, anke li kieku, dato ma non concesso, kien hemm xi inadempjenza f'xi wahda mill-obbligi dawn l-obbligi kienu ta' natura modali (modus), u mhux kondizzjonali (conditio), u ghalhekk skont il-Ligi u il-giurisprudenza taghna, l-azzjoni ghar-rexxisjoni hija guridikament nulla u inamissibli, stante li tali rimedju japplika biss ghall-klawsoli ta' natura ta' "conditio" u mhux dawk fin-natura taghhom modali ("modus") fejn il-Qorti bhala rimedju tordna li jinghata zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligi u ghalhekk it-talbiet attrici ghar-rexissjoni ghandhom jigu kollha respinti.*

4. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra irid jigi rilevat li fil-fatt il-modalita' indikata fil-klawsola numru wiehed (1) tad-donazzjoni ma tistipulax zmien li fih kellha tigi atwata. U ghalhekk jekk din il-modalita titqies bhala obbligu, l-attur seta' biss jitlob lill-Onorabbli Qorti tistabilixxi zmien lid-donatarju sabiex jadempjixxi dan l-obbligu, u jkun biss jekk id-donatarju jonqos li jadempixxi dak l-obbligu f'dak iz-zmien li tista' tintalab ir-rexissjoni – ghalhekk kif inhu impostat ir-rikors guramentat, f'dan is-sens ma jistax jirnexxi. F'dan is-sens ikunu japplikaw l-Art 1077 u 1078 tal-Kap 16 – li jistabilixxi li tkun il-Qorti li tiddeciedi iz-zmien. L-Artikolu 1073 jindika li zmien dejjem ghandu jitqies bhala stipulat favur id-debitur.*

5. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, donazzjoni tista' biss tigi revokata a bazi tal-Art 1785 tal-Kap 16, cioe jekk tkun tezisti kondizzjoni risoluttiva espressa jew umplicita – f'dan il-kaz mhux biss talli ma tezistiex ebda tali kondizzjoni, talli id-donazzjoni hija wahda irrevokabbli.*

6. *Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, anke skont dan l-Artiklu, sabiex kuntratt ta' donazzjoni jigi risolt irid japplika dak li jinghad fl-Artikoli 1066, 1067, 1068 u 1069 tal-Kap 16 dwar kondizzjonijiet tisoluttivi. Issa f'dan il-kaz odjern l-Art 1067 ma japplikax ghax ma hemm ebda klawsola resoluttiva*

*espressa, fil-waqt li l-anqas ma japplika l-Art 1068 ghax l-istitut tad-donazzjoni jitqies bhala kuntratt bilaterali li ghalih japplika l-Art 1068, il-Qorti ghandha dritt taghti lill-konvenuti zmien sabiex jadempixxu l-obbligu li qed jigi allegat li ma twettaqx. F'dan is-sens ghalhekk ghl-aghar ipotezi ghall-konvenuti – huma qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti takkordalhom aktar zmien sabiex jadempixxu dak indikat fil-kuntratt.*

7. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra jigi osservat li l-klawsola wiehed (1) tad-donazzjoni fil-fatt ma timponix obbligu imma tindika diversi modalitajiet ta' uzu, fosthom dik l-aktar wahda wiesgha li tghid: "li jistabilixxi l-Arcisqof ta' Malta, pro tempore, ghal dawn l-iskopijiet, u cioe' :- jew ghal uzu iehor spiritwali, pastorali u/jew edukattiv li jigi determinat mid-Donatarju jew mis-Successuri tieghu fit-titolu". Issa din il-klawsola imkien ma tindika li l-konvenut qieghed jobbliga ruhu b'xi mod – bhal ma jaghmlu il-klawsoli tnejn (2) u tlieta (3) li jsegwu. Dan il-fatt hu indikattiv u jikkonferma li dan il-fatt ma kienx obbligu u ukoll li zgur ma kienx obbligu li minhabba fiha jista' jigi revikat il-kuntratt.*

8. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-twettieq tal-modalita' ta' uzu ta' dak donat lid-donatarju huwa sugget ghall-finanzjament u ghal pass li bih jista' jimxi id-donatarju – ghalhekk anke l-allegat stat tal-propjeta ma jinfluwixxi bl-ebda mod fuq id-donazzjoni.*

9. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, mhuwiex minnu illi l-konvenut kien inadempjenti f'xi obbligu minnu assunt fil-kuntratt ta' l-erbatax (14) t'Awwissu tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (1997) fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes. Fil-fatt subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, kontra dak indikat mill-atturi, l-esponenti ukoll ghamlu u qed jaghmlu uzu mill-proprjeta donata u dan skont kif permess u determinat mill-Arcisqof' ghalhekk f'dan is-sens il-modalita' indikata fi klawsola enumerata wiehed (1) qed tigi osservata.*

10. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-esponent jaghmel tieghu l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.*

11. *Illi dwar il-fatti kif indikati fir-rikors guramentat dawn huma kontestati u l-atturi jekk jidhrilhom ghandhom igibu il-prova taghhom*

*Illi l-ecceppjenti jafu bil-fatti fuq imsemmija.*

Rat il-verbal tal-24 t'April 2012 illi fih il-Qorti kif diversament preseduta innominat bhala Perit Legali lil Perit Godwin Abela biex izomm access fil-fond in kwistjoni u jaghmel deskrizzjoni u pjanta tal-fond u in oltre jindika x-xoghlijiet li skond l-atturi kienu saru recentement fil-villa u jindika ukoll bejn wiehed u iehor kemm ilhom li saru dawn l-istess xoghlijiet;

Rat il-verbal tat-22 ta' Mejju 2012 illi fih il-Qorti kif diversament preseduta innominat wkoll bhala surveyor biex tassisti lill-Perit Tekniku l-Perit Godwin Abela lil Michelle Camilleri ghan-nom ta' Randolph Camilleri Surveys Limited;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku il-Perit Godwin Abela ipprezentata fis-17 ta' Mejju 2012 u mahlufa fit-22 ta' Mejju 2012;

Rat ir-rikors tal-konvenuta Dottor Michelle Tabone (K.I. numru 138371(M)) nomine tas-17 t'Ottubru 2013 ( a fol 478 et seq.) ghall-kjamata in kawza l-Parrocca ta' Wied il-Ghajn.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Frar, 2014 fejn giet kjamata in kawza il-Parrocca ta' Wied il-Ghajn. (Vide Fol 515 et seqq.)

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Henry Deguara Gatto** xehed illi wara li sar il-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni Agatha Formosa Gauci qaltlu kemm il-darba li kienet urtata, fastidita u nkwetata ghaliex Villa Manduca kienet giet abbandunata mill-bidu nett u ghaliex l-oggetti sagri fil-kappella kienet tnehhew kollha u lanqas kienet taf fejn kienu. Qal li kienet irrabjata wkoll minhabba l-fatt li l-Isqof ma kienx qed jaghmel il-festa tal-Madonna tar-Ruzarju kif hi u ohtha kienu jaghmlu kull sena normalment fil-presenza tal-Isqof jew tal-Vigarju Generali tieghu u fin-nuqqas ta' xi Monsinjur iehor, ghaliex din il-festa kienet tfisser hafna ghal ahwa Formosa Gauci. Qal li filfatt Agatha Formosa Gauci kienet anke baghtet ittra dwar dan lil Arcisqof Guiseppe Mercieca fit-18 ta' Settembru 2002, li giet esebita u mmarkat bhala Dok HDG2, pero l-Arcisqof xorta wahda baqa' ma jaghmilx il-quddiesa fil-Kappella donata lilu, ghalkemm kienu marru jkellmuha l-Isqof Mercieca u l-Monsinjur Vincenzo Borg. Xehed illi ghalkemm kienu weghduha li l-festa kienet ser issir fid-dar taghha l-Mdina, jumejn qabel il-festa il-Monsinjur Borg kien mar jghidilha li l-festa ser issir minflok fil-Kattidral tal-Mdina. Xehed illi Agatha Formosa Gauci kienet perturbata u skandalizzata hafna bil-kliem u bl-agir tal-Arcisqof Mercieca u kienet tibki dwar dan quddiemu stess.

Xehed illi l-Arcidjosesi ta' Malta ma kienetx qed tiehu hsieb din id-dar u dan jafu ghaliex kemm il-darba ghadda minn hemm u dejjem sab il-post maghluq u abbandunat, u innota li ghalkemm il-proprjetajiet imobbli u mobbli kienu dejjem mizmumin tajjeb qabel id-donazzjoni, wara d-donazzjoni ra tibdil enormi peress illi l-post iddetorja ghaliex ma saret l-ebda manutenzjoni. Xehed illi seta' jikkonferma wkoll li l-post kien fi stat ta' abbandun komplet kemm minn barra u kif ukoll minn gewwa meta kien sar access f'Mejju 2009 mar-rikorrenti l-ohra u Raymond Bonnici ghall-Knisja u l-Perit Ramon Gauci mqabbad mil-Knisja stess, fejn ukoll ikkonstata li ghajr xi saqqijiet mahmugin mahzuna fuq xulxin, il-post kien kompletament vojt. Di piu' s-saqaf ta' wahda mill-kmamar kien perikoluz, li l-art tal-gallarija ta' mal-faccata kienet sfrondat, il-kamra tal-banju uzabbli kienet giet maqlugha u l-veranda kbira kienet fi stat perikolanti. Zied li ghalhekk jista' jghid b'certezza li l-proprjeta ma kienetx qed tintuza ghall-ebda skop. Qal ukoll illi barra minn hekk, minn meta saret id-donazzjoni, il-festa tal-Madonna tar-

Ruzarju qatt ma saret fil-kappella donata u lanqas qatt ma saret il-purcissjoni li dejjem kienet issir qabel, u li kienet ilha ssir sa minn meta l-buznanna tieghu Carmela Apap Bologna xebba Manduca li kienet tat l-art lill-Knisja sabiex tinbena l-Knisja Parokkjali ta' Marsaskala. Xehed illi f'wahda mill-laqghat li kellhom, Raymond Bonnici kien iddeskriva l-post bhala '*white elephant'* u dan fil-presenza tieghu, ta' Dr. Mark Attard Montalto, Giulia Attard Montaltlo, Dr. Francis Lanfranco u Dr. Dominic Cassar u kien ghalhekk li kienu disposti jaghtu parti mill-proprjeta lura.

**Francis Lanfranco** xehed illi ic-celebrazzjoni tal-Festa tar-Ruzarju kienet importanti hafna ghall-ahwa Formosa Gauci u kkonferma li l-ahhar darba li din il-festa kienet giet iccelebrata bl-istess pompa kien f'Ottubru 1995, u zied illi filfatt ma kienetx saret festa fl-1996, u minflok kienet giet iccelebrata quddiesa fil-Knisja Parokkjali ta' Marsaskala, u l-purcissjoni lanqas biss telghet sal-Villa Manduca bhas-soltu peress li kienet maghluqa.. Xehed illi l-inventarju tal-kontenut tal-kappella kien sar minnu stess. Xehed ukoll illi hu kien involut fit-trattativi meta sar il-kuntratt ta' donazzjoni u ghalhekk jaf bic-cert illi l-Arcisqof Mercieca u l-Vigarju Annetto Depasquale dejjem kienu jweghdu lil ahwa Formosa Gauci illi din il-festa kienet ser issir tant illi gie miftiehem fil-kuntratt illi Agatha Formosa Gauci kellha d-dritt li taghzel il-qassis li jqaddes dakinhar tal-festa. Xehed illi hu jiftakar lil Vigarju Depasquale u lil Acrisqof Mercieca jghidu lil ahwa biex ma jiehdux hsieb ghaliex l-obbligi religjuzi taghhom kienu ser jaghmulhom huma. Xehed illi filfatt dak iz-zmien kien ihallas mijjiet ta' liri ghal dawn l-obbligi, ghaliex il-Kurja stess kienet issuggerit li jsiru numru ta' quddies a suffragju u ghall-intenzjonijiet taz-zewg donaturi u a suffragju tal-erwieh tal-genituri taghhom u l-membri l-ohra tal-familja taghhom, pero fi hmistax -il sena qatt ma sar xejn. Xehed illi proprju gimgha wara li sar il-kuntratt ta' donazzjoni, kien ra t-titular tal-kappella, li huwa kwadru b'gwarnic tal-fidda u mimli weghdiet ghand il-Kurja, l-Imdina, u meta staqsa lil Arcisqof dwar dan, l-Arcisqof qallu li kienu hadu dan il-kwadru hemmhekk ghal "*safe-keeping"* u l-istess ghamlu bl-affarijier l-ohra kollha li kien hemm fil-kappella. Xehed illi kemm hu u kif ukoll l-ahwa Formosa Gauci kienu talbu li jsiru l-quddies kif miftiehem izda qatt ma sar xejn.

Xehed illi kien hemm certu Raymond Bonnici, li kien amministratur civili tal-proprjeta tal-Kurja, li mill-bidu nett kien oppost ghal din id-donazzjoni u kien dejjem jghid "*This is a white elephant"* u kien qalilhom illi l-kuntratt kien ser isir minhabba "*superior orders".* Xehed illi filfatt hafna snin wara Bonnici, fil-presenza tal-Avukat Dominic Cassar kien offra li jiehdu lura l-villa, l-gonna u l-kappella u huma jzommu d-djar kollha basta jitnehhew il-kondizzjonijiet, u rega semma l-espressjoni "*white elephant."* Xehed illi mhux talli din il-proprjeta ma kienetx qed tigi uzata ghall-iskopijiet kif miftehma fuq il-kuntratt, talli irrizulta li kien hemm dram Malta bl-isem "Ghada Jisbah Ukoll" li partijiet minnu kienu gew filmed fil-villa, u filfatt kien mar fuq il-post hu stess u ra dan isir. Xehed li darba minnhom meta Agatha Formosa Gauci kienet kellmet lil Monsinjur Mercieca rigward il-fatt li ma kienetx qed issir il-festa, dan kien qalilha li issa m'ghandha tinkwieta xejn ghaliex issa anke jekk tinharaq il-proprjeta, m'ghandiex x'taqsam hi, u Formosa Gauci kienet bkiet u hadet ghaliha hafna.

**In kontro-ezami** xehed illi huwa kien l-amministratur tad-donaturi sa mis-sena 1990 u f'Ottubru ta' kull sena Agatha Formosa Gauci kienet titolbu circa Lm800 sabiex isiru mitt quddiesa fis-sena. Zied illi kien hemm numru ta' quddies li kienu mposta mad-donazzjoni tal-art fejn inbniet il-knisja parokkjali ta' Wied il-Ghajn, ghalkemm ma kienx jaf ezatt kemm il-wahda. Xehed illi ghalkemm dawn tal-ahhar m'huwiex parti mid-donazzjoni in kwistjoni, jaf illi kien dan l-obbligu morali u religjuz li wassal lid-donaturi ghall-kuntratt in kwistjoni peress illi nkwiet kbir taghhom kien dwar min ser ikompli dawn l-obbligi u l-festa tal-Madonna tar-Ruzarju wara mewthom. Kien ghalhekk li kienu iddecidew jiddonaw din il-proprjeta lil Knisja. Xehed illi l-villa kellha diga obbligi mposti fuqha qabel id-donazzjoni u zied illi meta kienu qed isiru t-trattativi mal-Monsinjur Mercieca, dan kien qalhom illi kien lest li mhux talli jaghmlu l-quddies li kienu diga mposti izda jaghmlu kondizzjoniji ta' aktar quddies ghall-intenzjonijiet taghhom u ghas-sufragju taghhom u tal-membri l-ohra tal-familja taghhom.

Rigward l-inventarju xehed li dan kien ghamlu hu flimkien ma' Agatha Formosa Gauci u kien hemm hafna oggetti prezjuzi fil-kappella. Qal li mbaghad kienu ghaddew kopja ta' dan l-inventarju flimkien mal-abbozz u l-Arcisqof kien ma xi nies jispezzjona l-affarijiet qabel ma gie ffirmat il-kuntratt, ghalkemm din l-

ispezzjoni ma saritx quddiehom. Xehed li pero kellhom ic-cwievet u ghalhekk setghu jidhlu meta jridu. Rigward id-dritt li kienet zammet Agatha Formosa Gauci biex taghzel qassis li jqaddes dak in-nhar tal-festa, xehed illi hija kienet ppruvat tezercita dan id-dritt, izda peress illi kienu zvestew il-kappella minn kollox ma kienx hemm minn fejn taghmilha quddiesa. Mistoqsi jekk wara d-donazzjoni kienx imur fil-kappella kull gimgha, xehed illi ma setghax peress li ma kellux access, u kien dahal darba biss waqt li kien qed isir id-dramm. Mistoqsi jekk jafx li kienu jsiru irtiri taz-zaghzagh tal-muzew, xehed illi qabel li saret il-kawza ma kienx jaf, ghaliex filfatt meta kien sar access lanqas biss karma tal-banju ma' kien hemm. Xehed li hija stramba li tal-muzew kienu juzaw din il-proprjeta meta ghandom proprjeta enormi gewwa Wied il-Ghajn. Qal illi darba minnhom kien mar ikellem lil Arcisqof Cremona dwar il-kwistjoni tad-donazzjoni u dan kien qallu li ma jafx biha u ma jafx fejn hi l-proprjeta. Xehed illi fiz-zmien meta saret id-donazzjoni kien hemm bzonn ta' manutenzjoni fuq il-proprjeta. Mistoqsi rigward is-somma ta' €25,000 li l-Knisja riedet bhala kumpens ghal benefikati li saru meta kienu qed isiru n-negozjati biex il-villa, kappella u gonna jergu jiddevolvu lura ghand id-donaturi xehed illi dawn kienu rawhom eccessive peress illi dawn il-benefikati ma kienux jidhru, ghalkemm din ma kienetx ir-raguni ghalfejn ma kienx intlahaq qbil.

**Dr. Mark Attard Montalto** ikkonferma u kkorrobora x-xhieda ta' Henry Deguara Caruana Gatto. Xehed illi Agatha Formosa Gauci kienet dejjem tistaqsi lilu u lil Henry Deguara Caruana Gatto jekk il-Knisja kienetx qed tosserva l-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' donazzjoni. Qal illi Formosa Gauci kienet imdejqa hafna lil l-Knisja ma kienetx qed tosserva dawn l-obbligi u li kienet anke tkellmet mal-Arcisqof u l-Monsinjur dwar dan.

**In kontro-ezami** xehed illi hu kien mar ghal quddies u purcissjoni tal-festa tal-Madonna tar-Ruzarju xi darbtejn meta kien zghir izda ma kienx mar ghal quddies li kienu jsiru bi preparazzjoni ghal din il-festa. Xehed illi huwa kien jaf illi d-donaturi kienu jhallsu ghall-obbligi religjuzi mposta peress illi huma kienu z-zijiet ta' ommu, u ghalhekk kien ikun hemm diskors fil-familja u kien jisma lil Formosa Gauci u lil ommu jitkellmu dwarhom. Xehed illi dawn **il-quddies imposti kienu 68 low masses u one high mass.** Qal ukoll illi meta kienet ezercitat id-dritt taghha

li taghzel il-qassis li jqaddes il-quddiesa tal-festa tar-Ruzarju, il-quddiesa kienet saret l-Imdina mhux fil-kappella u kienet qaltlu li ma kienetx kuntenta b'dan u li kienet attendiet biss ghar-rispett. Qal illi Agatha Formosa Gauci kienet tghidlu li kienet tilmenta mal-Arcisqof Mercieca rigward il-fatt li ma kienux qed jonoraw l-obbligi mposti fil-kuntratt ta' donazzjoni, u zied illi hija kienet toqghod qisu faccata tal-Isqof. Qal ukoll lilu kemm -il darba qaltlu li kienet urtata minhabba l-attegjament tal-Knisja. Xehed illi ghalkemm qabel il-kawza huwa kien dahal f'din il-proprjeta darba biss, seta' jixhed illi ma kienetx qed tigi uzata ghaliex meta kien attenda l-laqgha li nzammet ma' Ray Bonnici fil-villa seta' jara l-istat abbandunat li kienet fih il-villa, fejn sa kien hemm numru ta' saqqijiet mahzuna fuq xulxin. Xehed illi l-veranda gdida kien ra meta kienet mar darba ghall-gharrieda fit-13 ta' April 2012. Mistoqsi ghalfejn Agatha Formosa Gauci qatt ma baghtet ittra lil Kurja b'dawn il-lanjanza wiegeb illi dan kien ghaliex hija kienet thoss certa reverenza lejn l-Arcisqof u reverenza enormi lejn il-Knisja u ghalhekk kienet thossha wisq imbarazzata tibghat ittra ta' dik it-tip. Xehed li lilu kienet qaltlu illi qed tghaddilu d-drittijiet taghha fir-rigward ta' din il-proprjeta ghaliex issa kellha wisq zmien biex toghod tiela u niezla l-Qorti.

**Ir-Reverendu Kanonku Dun Walter Cauchi** xehed illi huwa ilu jokkupa l-kariga ta' Kappillan tal-Parocca ta' Wied il-Ghajn mis-7 ta' Ottubru 2008, proprju fil-festa tal-Madonna tar-Ruzarju u zied illi jumejn wara hu u Dun Ang. Vella kienu ccelebraw quddiesa ghar-ruh il-Baruni u l-Barunessa Apap Bologna u l-familja taghhom, u minn dak iz-zmien 'l hawn dejjem ra illi kull sena tkun iccelebrata quddiesa b'suffragju ghall-erwieh tal-benefatturi Apap Bologna u Manduca. Xehed illi huwa kien ghamel hdax -il xahar minn Settembru 2009 jirrisjedi go din il-villa wara li kien tah permess l-Arcisqof biex jaghmel dan ghaliex ma kellux fejn joqoghod u tul dan iz-zmien kien ghamel il-manutenzjoni li seta'. Xehed illi huwa kien talab sabiex din il-proprjeta tghaddi f'idejn il-Parocca, izda l-Arcidjocesi ma accettatx dan. Zied li pero kien inghata permess sabiex din il-proprjeta tintuza ghal attivitajiet intizi ghal gid pastorali u spiritwali tal-paroccani ta' Wied il-Ghajn u kull min izur il-lokal.

Xehed illi huwa organizza seminars liz-zaghzagh ta' Wied il-Ghajn f'din il-proprjeta u anke offra li jsiru dawn is-seminars hemmhekk ghal zaghzagh minn

lokalitajiet ohra. Qal illi inoltre kull sajf is-Superjur u s-Socji tal-Muzew iwettqu Summer Camps, u l-Muzew kemm tal-bniet u kif ukoll tas-subien jaghmlu uzu mill-ambjenti ta' din il-proprjeta matul is-sena. Zied ukoll illi barra minn hekk hu jorganizza l-pastorali li tinkludi adorazzjonijiet ta' kull gimgha, *mothers prayer meetings* u hidma pastorali organizzata mis-Socjeta tal-Muzew u l-GruFam. Qal li eventwalment kienet ittiehdet id-decizjoni li parti minn din il-proprjeta tigi konvertita f'centru pastorali, u filfatt hemm applikazzjoni pendenti quddiem il-MEPA ghal dan il-ghan. Zied li ftit zhur wara l-Arcisqof kien awtorizzah jiehu hsieb il-villa f'ismu, u huwa dahal ghal dan l-inkarigu b'ruhu u b'gismu u kien anke organizza volontiera biex jghinuh f'dan ix-xoghol, u kienu sar diversi xogholijiet oltre li kien inbidlet is-sistema tal-elettriku biex jintaqqsu l-perikolu. Xehed ukoll illi fl-2006 kien inhareg permess mill-MEPA biex isiru xi riparazzjonijiet fil-villa u huwa uza din l-opportunita biex jaghmel xi alterazzjonijiet limitati, u cioe bidel il-veranda peress li kienet ta' perikolu u biddel xi balavostri. Zied li hemm hsieb li jsir xoghol ta' tisbieh u adattament f'din il-villa sabiex ikun hemm *conference room, games hall* u ufficini u kmamar ghaz-zghazagh, gharrejjes u mizzewgin.

Rigward il-kappella xehed illi din kienet tintuza sabiex titqaddes quddies bl-Ingliz minn Frar 2010, hija mzejna u ghandha sistema ta' amplifikazzjoni, kif ukoll ghanda sagrestija sabiex isir qrar u counselling qabel u wara l-quddiesa.

**Prodott mill-intimat** xehed a fol 842 u a fol 858 *et seqq* illi hu kien kappillan ta' Marsaskala minn Ottubru 2008 sa Jannar 2016 u esebixxa numru ta' ritratti li juru diversi attivitajiet li saru fil-proprjeta donata, inkluz dawk tal-Kummissjoni Tfal u tal-grupp tal-Pre-Youths. Spjega li saru xi xogholijiet f'din il-villa, inkluz it-tibdil tas-sistema tal-elettriku peress li dik prezenti kienet perikoluza, it-tibdil tal-pipijiet tal-ilma u xogholijiet fuq il-gallarija. Xehed li sakemm kien hu b'kollox kien nefaq is-somma ta' €9,888.47 ghal manutenzjoni, dawl u ilma. Spjega li ghamlu wkoll hafna xoghol fil-proprjeta, inkluz illi ghamlu kamra tal-banju fis-servitu u preparaw apparat sofistikat ta' 3D projection ghaz-zghazagh. Xehed illi kif kien sar jaf li l-proprjeta kienet giet donate ghamel numru ta' quddisiet ghar-ruh taghhom, u kkalkola li dawn huwa kwazi xi mija, u filfatt anke jidher mill-ktieb

tal-quddies tal-festa tas-Sibt u l-Hadd ta' Sant'Anna a fol 896 li kienet issir din il-festa ghal ruh tal-familja Apap Bologna.

**In kontro-ezami** a fol 956 *et seqq* xehed illi rigward il-kontijiet tad-dawl u l-ilam dawn hafna drabi jintbghatu l-Kurja, u l-Kurja tibghathom lilu. Spjega li hu kien ihallas b'cekk il-kontijiet tal-postijiet kollha f'daqqa. Xehed illi Formosa Gauci ma hallew xejn lil parocca u ma ghamlulhom l-ebda donazzjoni. Ikkonferma li bejn l-2009 u l-2012 ma saritx il-festa tar-Ruzarju bil-purcissjoni li tmur sa Villa Manduca ghaliex ma kienx jaf li kellu jsir hekk. Ikkonferma li l-Muzew ghandu proprjeta ohra, f'Marsaskala ta' hames bibien dojoq.

**Ivor Robinich,** in rapprezentanza tal-MEPA, xehed illi fil-25 ta' Marzu kienet dahlet applikazzjoni mal-MEPA li saret minn Ray Bonnici ghal Kurja, fir-rigward ta' zvilupp propost f'Villa Bologna f'Marsaskala, biex jigi mibni centru pastorali ta' seba' sulari, u cioe zieda ta' hames sulari ma' dawk kurrenti.

**In kontro-ezami** xehed illi skont l-applikazzjoni diga hemm tlett sulari ezistenti, u illi din l-applikazzjoni m'hijiex ghall-villa, izda minn isfel.

**Il-Perit Ramon Gauci** xehed illi huwa Project Manager mal-Kurja. Spjega illi f'Mejju 2009 kien mar il-fond in kwistjoni flimkien ma' Ray Bonnici u l-inkarigu tieghu kien li jiddemarka d-differenza bejn il-proprjetajiet li qeghdin mat-triq u l-proprjeta li qieghda aktar fil-gholi. Xehed li ma jiftakarx ghalfejn kien immarka l-proprjeta li qieghda aktar fil-gholi bhala *third-party property* u dik li ghandha access mit-triq bhala *church property.* Mistoqsi rigward l-istat tal-proprjeta xehed illi kien hemm xi postijiet fejn kien hemm bzonn xoghol ta' manutenzjoni, fosthom terrazzin fejn l-art kienet spiccat u l-gallarija kienet fi stat hazin hafna, u li l-proprjeta ma kienetx abitabbli peress li kellha bzonn il-manutenzjoni u kien ghad irid isir id-dawl u l-ilma, u kien hemm bzonn ukoll ta' ghamara. Xehed illi kien hemm hafna trab ukoll.

**Raymond Bonnici** xehed illi huwa Property Manager fi hdan il-Kurja Arciveskovili u li kien sar jaf bid-donazzjoni in kwistjoni xi ftit xhur wara li saret. Xehed illi huwa kien ra certi diffikultajiet dwar il-proprjeta peress li l-villa kienet

skedata u l-bini kien antic ghalkemm fiz-zmien id-donazzjoni ma kienux jafu li skedata. Ikkonferam li fir-rigward ta' donazzjoni hu kien uza l-espressjoni "*white elephant"* ghaliex peress li l-villa kienet skedata u ghalhekk difficli biex tigi konvertita ghall-iskopijiet intizi, u filfatt il-binjiet ta' mad-dawra jintuzaw hafna aktar regolarment mill-villa. Xehed li wara d-donazzjoni l-villa kienet giet fdata f'idejn il-Monsinjur Mifusd Bonnici li kien juzaha ghal xi laqghat u affarijiet simili. Xehed illi kien hemm zmien fejn kienet tintuza ghal magazinagg ta' xi affarijiet u ikkonferma wkoll li kienet intuzat sabiex sar id-dramm Ghada Jisbah Ukoll u kien hu stess li ta parir li dan jista' jsir wara li kkonsulta l-kuntratt ta' donazzjoni. Ikkonferma wkoll illi Dr. Lanfranco kien cempillu kemm il-darba sabiex jghidlu li l-ahwa Formosa Gauci kienu inkwetati li mhux qed issir il-festa. Qal illi xi ftit snin qabel kienu saru xi negozjati bejn il-partijiet peress illi kien hemm ilmenti rigward l-uzu u kwistjonijiet ohra u kienu waslu ghal kompromess li l-Knisja zzomm il-bini t'isfel gewwa St. Anne Street u jigu liberati minn kull kondizzjoni, u l-villa, kappella u gnien jergu jirrivertu lura ghand id-donaturi. Ikkonferma li hu kien qal li l-Kappella kellha tigi dekonsagrata u li Dr. Lanfranco kien wera rezistenza kbira ghal dan minhabba x-xewqat tal-ahwa Formosa Gauci. Qabel illi r-rikorrenti ma kienux gew informati li n-negozjati kienu waqfu. Rigward l-oggetti mobbli xehed illi whud minnhom ittiehdu ghsl *safe keeping.*

**L-Arcisqof Emeritus Guzeppi Mercieca** xehed lil Agatha Formosa Gauci u Carmelina Debattista ma kienx jafhom personalment izda biss kien iltaqa' maghhom u sellmillhom, u qatt ma kellhu konversazzjoni maghhom. Qal pero illi darba minnhom kienu marru ghandu l-Imdina b'xi borza u kien rega baghthom lura d-dar bija peress li kienet mimlija deheb. Qal illi ma jaf xejn dwar in-negozjati li saru qabel il-kuntratt ta' donazzjoni, ghaliex huwa sempliciment iffirma l-kuntratt ghaliex kienu qalulu biex jiffirmah.

Xehed illi Agatha Formosa Gauci kienet marret ghandu b'xi hwejjeg tal-metal u kwadru kbir tal-Madonna, u hu kien zamm il-kwadru u baghat l-oggetti l-ohra lura maghha. Zied li dan il-kwadru llum il-gurnata qieghed il-muzew tal-Imdina, u qabel dan kien fil-kamra laterali tieghu. Xehed illi dan il-kwadru kien tqil hafna u Formosa Gauci zgur li ma setghatx terfghu hi. Xehed illi Formosa Gauci kienet

mara generuza u kien jirrispettaha hafna, izda qatt ma accetta xejn minn dak li riedet taghtih.

Rigward il-kappella tal-Madonna tar-Ruzarju qal illi darba kien qaddes quddies hemmhekk ghaliex kien hemm xi festa u mbaghad kienu stednuh jiekol maghhom. Qal illi huwa kien tkellem mal-Monsinjur Mifsud Bonnici u Annetto Depasquale rigward il-proprjeta in kwistjoni u qal li kien halla kollox f'idejhom. Cahad li kien ra l-ittra mibghuta mill-ahwa Formosa Gauci. Cahad illi l-ahhar darba li saret il-festa tal-Madonna tar-Ruzarju kien fl-1996. Mistoqsi dwar it-titular tal-kappella xehed li jaf biss li dan kien kwadru tal-Madonna, izda qal li ma jafx fejn qieghed illum il-gurnata, u cahad li qieghed fil-kamra laterali tal-palazz tal-Imdina. Xehed imbaghad illi dan il-kwadru kienu zammewh fil-kappella sakemm sabu post tajjeb ghalih, pero imbaghad ittiehed fil-kamra laterali tal-palazz. Rigward il-fided xehed li ma jaf xejn ghaliex qatt ma rahom.

**Claire Lanfranco** xehdet permezz ta' affidavit a fol 435 *et seqq* illi hija mizzewga lil Dr. Francis Lanfranco u illi hija marret fil-proprjeta in kwistjoni diversi drabi kemm qabel kif ukoll wara d-donazzjoni. Qalet illi meta marret wara d-donazzjoni rat illi l-proprjeta kienet tinsab fi stat ta' abbandun, ghalkemm qatt ma setghu jidhlu fil-proprjeta peress li kienet tkun dejjem maghluqa.

**Michael Lanfranco** xehed permezz ta' affidavit a fol 437 *et seqq* illi huwa jigi t-tifel tal-Avukat Francis Lanfranco u kkonferma x-xhieda moghtija minn ommu fl-affidavit taghha. Zied li peress li hu student tal-arkittetura kien mar ma missieru u u r-rikorrenti l-ohra waqt l-access mizmum mill-Perit Godwin Abela fil-15 ta' Mejju 2012 u seta' jikkonstata personalment l-istat hazin li fih kienet tinsab il-prorpjeta in kwistjoni.

**Nazzarenza Tanti** xehdet permezz ta' affidavit a fol 447 illi hija kienet tahdem ghal snin twal bhala helper ma' Agatha Formosa Gauci u kienet midhla sew tal-post. Xehdet li l-festa tal-Madonna tar-Ruzarju kienet tigi ccelebrata kull sena bil-kbir.

**Oliver Magro,** rapprezentant tal-MFSA, xehed illi l-applikazzjoni 01284/2010 tinkludi zvilupp *class* 4 u *class* 6. Spjega illi class 4 tinkludi hwienet, li jinkludi l-bejgh ta' oggetti bl-imnut, ufficju tal-posta, bejgh ta' biljetti, agenziji tal-ivvjaggar, hwienet tax-xaghar, amministrazzjoni tal-funerali, wiri ta' oggetti ghall-bejgh, bejgh ta' oggetti domestici, hwejjeg ohra personali, gbir ta' oggetti biex jinhaslu, jitnaddfu jew jisewwew, u class 6 hija ghal uzu bhala cafeteria, bar jew restaurant jew inkella bejgh ta' ikel u xorb shun jew kiesah ghal konsum fil-post jew barra minnu.

**Carlos Farrugia** xehed illi huwa attur u ghal habta tas-sena 2003 kien hadem fi dram bl-isem Ghada Jisbah Ukoll, li l-filming taghha kien f'villa f'Marsaskala li kellha kappella maghha. Mistoqsi jekk id-dramm kienx spiritwali jew religjuz xehed illi dan id-dramm kien fuq il-hajja ta' kuljum ta' mara li ma kellhiex ragel. Mistoqsi fuq il-kondizzjoni tal-post xehed li jiftakar li kien vojt.

**L-Ispettur Robert Said Sarreo** xehed illi m'hemmx fil-pussess tal-pulizija dokumenti relatati mal-purcissjoni tal-festa tal-Madonna tar-Ruzarju. Xehed li filfatt kellmu lil Kapillan li qalilhom li almenu ghal dawk l-ahhar hames snin il-purcissjoni dejjem harget mill-knisja parokkjali u qatt ma telghat lejn il-kappella tal-Madonna tar-Ruzarju. Xehed li kellhom ukoll lis-surgent tal-ufficju li ilha hemm ghal dawn l-ahhar tlettax – il sena u hi qaltlu illi ma tafx li l-purcissjoni qatt telghet lejn din il-kappella.

**WPS 15 Caroline Camilleri** xehdet illi l-kapillan ta' Wied il-Ghajn kull sena japplika mal-pulizija biex tohrog il-purcissjoni tar-ruzarju, li skont ir-*records* taghha dejjem harget mill-knisja parokkjali. Xehdet illi l-2013 kienet l-ewwel sena illi intalab permess sabiex il-purcissjoni titla' Villa Apap Bologna. Ziedet illi mir-ricerka li ghamlet l-unika haga li ssir regolari f'din il-kappella hija quddiesa nhar ta' Hadd fil-11.30am bl-Ingliz.

**L-Arcisqof Pawl Cremona** xehed illi il-villa in kwistjoni originarjament kienet ser tintuza biex isiru l-irtiri, u kienet giet sottomessa applikazzjoni mal-MEPA sabiex il-bini ta' isfel isir seba' sulari u jigi livell mal-villa. Kompla li pero din l-applikazzjoni issa tbidlet biex dan il-bini jkun ta' tliet sulari minflok sebgha

ghaliex imbaghad kien gie deciza illi l-post jinghata f'idejn il-kapillan ta' Wied il-Ghajn li ried juzah bhala centru pastorali parrokkjali. Zied illi ghalhekk il-bini ta' isfel kien ser jigi demolit. Mistoqsi rigward il-fatt illi l-applikazzjoni kienet saret ghal stabbilimenti tat-tip *class* 4 u *class 6* xehed illi dan qatt ma' sema' bih, ghaliex meta ttiehdet id-decizjoni li l-fond jinghata l-kappillan, id-diskussjonijiet minn naha tal-knisja rigward l-uzu u l-izvilupp ta' da nil-fond kienu waqqfu. Xehed illi fir-rigward tal-*maisonettes* 101 sa 109 fi Triq Sant'Anna, hemm zewg ikmamar li qed jintuzaw hafna ghal muzew tas-subien u l-bniet. Mistoqsi jekk jafx illi d-donaturi kienu hallew ukoll proprjeta gewwa Triq La Sang biex tintuza ghal Muzew xehed li ma jafx. Xehed illi jiftakar li kien mar ikellmu Dr. Francis Lanfranco pero ma jiftakarx dwar xiex. Xehed illi l-quddiesa tal-festa tal-Madonna tar-Ruzarju dejjem saret fil-kappella donata hlief ghal darba wahda meta ghamluha l-Imdina. Fir-rigward tal-purcissjoni xehed illi din kienet waqfet issir minn mindu kien hemm certu Dun Ang. Sussegwentement xehed illi ma jafx meta waqfet issir il-purcissjoni mill-kappella. Rigward it-titular tal-kappella xehed dan m'ghadux id-dar tal-Monsinjur Mercieca izda issa qieghed fis-safe tal-Katidral, izda ma jafx fejn hum l-affarijiet tal-fided tal-kappella.

**Fr. Albert Buhagiar** xehed illi fl-1997 kien is-segretarju privat tal-Arcisqof Guzeppi Mercieca u dak iz-zmien kienu qed isiru diskussjonijiet ghaliex l-ahwa Formosa Gauci riedu jaghtu donazzjoni lil Knsija ta' dar f'Wied il-Ghajn. Xehed li fiz-zmien tad-donazzjoni din kienet dar dizabitata u ma kienetx f'kondizzjoni abitabbli tant illi meta fethu tieqa anke kien qabez gurdien fuqhom, u kien hemm bzonn li ssir hafna manutenzjoni. Mistoqsi jekk kienx hemm kmamar tal-banju xehed li jekk kien hemm, kien hemm xi haga antika. Rigward il-kappella qal illi din kienet pjuttost attrezzata u kellha bankijiet sbieh u zewg kwadri li wiehed minnhom kien pjuttost elaborat. Xehed illi kien hemm oggetti tas-sagristija, gandlieri u sett statwetti izda ma jiftakarx fided. Xehed illi kien hemm ukoll kwadru tal-Madonna li kien jintrama fuq l-artal li kien daqsxejn prezzjuz imzejjen bil-gawhar, li kien maqful go kaxxa. Zied li dakinhar, fuq ordni tal-Arcisqof kienu hadu l-kwadru tal-Madonna li kien hemm fuq l-artal minhabba li kien ta' pregju u haduh l-Imdina.

Xehed illi bejn l-1996 u l-1999 kien iservi Wied il-Ghajn ukoll u f'Ottubru kienu johorgu purcissjoni mill-knisja parokkjali li titla' sa Villa Manduca, u kienu jingabru u jaghmlu quddiesa hemmhekk, u wara li tispicca kienu jergu jinzlu lura bil-purcissjoni l-knisja parokkjali. Qal illi dan kollu sar fis-snin 1996 – 1999 u li filfatt kien hemm l-Arcisqof ghal festa tal-1997.

**In kontro-ezami** xehed illi meta kien mar fuq il-post flimkien mal-Mons. Mercieca u x-xufier tieghu George, il-kappella ma kienetx armata, izda kien hemm affarijiet biex tintrama u ilbies biex iqaddes sacerdot li kien jidher pjuttost tal-festa. Qal illi fuq ordni tal-Arcisqof kienu hadu l-oggetti kollha ta' valur mill-kappella. Qabel li fit-titolari kien hemm xi oggetti tal-valur moghtija bhala weghdiet. Qal illi huwa cert li sas-sena 1998 kienet ghada ssir il-purcissjoni tal-Madonna tar-Ruzarju u dan ghaliex huwa kien assenjat Marsaskala u filfatt jiftakar li l-quddiesa kienet qed issir quddiem il-kappella peress li l-kappella kienet zghira wisq ghal ammont ta' nies li kienu qed jattendu. Qal illi fis-sena 1997 il-purcissjoni wkoll kienet telghat sal-kappella. Qal illi hu kien assistent tal-kappillan tal-parocca ta' Marsaskala minn Awissu 1996 sa April 1999. Qal ukoll illi l-parocca ma kienets giet ikkonsultata jew involute fit-trattativi dwar id-donazzjoni in kwistjoni.

**In ri-ezami** xehed illi hu ma kienx involut fl-organizzjoni tal-purcissjoni u ghalhekk ma jafx jekk kienx inkiseb permess mill-pulizija biex issir. Spjega li l-affarijiet li semma li kienu ttiehdu l-Kurja kienu jikkonsistu f'inkwatri, gandlieri, stattwetti tal-artal u kaxxa bil-parametri, u cioe l-ilbies li jilbsu s-sacerdoti fil-quddies, u xi terha ta' fuq l-artal.

**Il-Monsinjur Giuseppe Mifsud Bonnici** xehed permezz ta' affidavit a fol 667 *et seqq* illi huwa kien jokkupa l-kariga ta' Delegat ta' Monsinjur Arcisqof ghall-Kleru mill-2001 sal-2014. Xehed illi gewwa Villa Manduca kienu inzammu diversi attivitajiet ghall-qassisin, u l-villa kienet ukoll intuzat bhala *video unit* ghad-dramm televiziv bl-isem 'Ghada Jisbah Ukoll' li kien dram edukattiv biex johorgu l-valuri insara ghall-formazzjoni tal-valuri insara fil-hajja ta' kuljum, liema dram kienet attivita ta' skop pastorali tal-Knisja. Zied li din kienet serje twila, li kienet tixxandar kull gimgha, u kienet ingibdet kollha f'Villa Manduca.

Kompla li mis-sena 2000 dan il-fond beda jintuza ghall-laqghat ta' formazzjoni permanenti tas-sacerdoti, generalment darba kull xahrejn, indirizzat ghal dawk is-sacerdoti li lahqu fl-1962, u kienu wkoll juzaw il-fond ghal celebrazzjoni li kienet issir darba fis-sena tal-anniversarju tal-ordinazzjoni taghhom, fejn kienu jaghmlu quddiesa u kienet issir ikla fejn kien ikun mistieden l-Arcisqof. Zied li dan il-fond kien jintuza wkoll mis-Seminaristi ghall-laqghat darba fix-xahar, u kien anke jintuza mill-grupp tal-M.U.S.E.U.M sabiex jinzammu xi irtiri ta' nofs ta' nhar il-Hadd filghodu. Kien ukoll intuza minn grupp ta' zaghzagh li f'sajf minnhom kienu organizzaw skola ghat-tfal refugjati, li kienu jkunu hemm minn filghodu sa filghaxija u kienu wkoll jaghtuhom x'jieklu u kull ma kien ikollhom bzonn, u l-istess zaghzagh kienu sahansitra jorqdu hemm biex setghu jorganizzaw din l-iskola ghal tlett xhur shah. Xehed li kien hemm zmien fejn kienet tigi organizzata gurnata Ewkaristika fil-Kappella ta' Villa Manduca ghan-nies tal-Parocca ta' Wied il-Ghajn organizzata minn grupp ta' Lajci, li kienu jibdew l-Adorazzjoni filghodu u jibqghu sejrin sa filghaxija, bi ftehim mal-Kappillan.

Spjega illi matul l-ewwel sentejn tad-donazzjoni kienet issir quddiesa fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina f'gieh it-Titular tal-Kappella peress li kienu qed isiru xi xogholijiet fil-proprjeta in kwistjoni u ghalhekk ma setghux jaghmluha mill-kappella, u dan bil-kunsens ta' Agatha Formosa Gauci. Kompla li wara dawn is-sentejn kien beda jigi organizzata pellegrinagg mill-parocca ta' Marsaskala, u kienet anke ssir gurnata adorazzjoni fil-kappella, liema pellegrinagg kien sar ghal tlett snin fix-xahar ta' Ottubru, waqt liema, l-purcissjoni kienet titla sal-Kappella fejn imbaghad kienet tigi ccelebrata quddiesa.

Xehed illi fin-naha t'isfel ta' Villa Manduca kienet giet irrangata sala ta' konferenza li setghet tintuza ghal xi laqghat distrettwali tal-Kleru etc, kif filfatt sar. Xehed illi l-hsieb kien li din is-sala tkun tesa xi 280 persuna, u kienet giet armata sew minn benefattur taghhom b'sistema ta' arja kondizzjonata. Zied li din is-sala ghada tintuza u bhalissa tinsab f'idejn is-Socjeta tal-M.U.S.E.U.M., u tintuza mis-sezzjoni femminili ghaliex f'Marsaskala m'ghandhomx post alternattiv fejn jistghu jaghmlu uzu simili, u apparti din is-sala juzaw appartament ghat-taghlim tad-duttrina, filwaqt li s-sezzjoni tas-subien juzaw kamra ohra fin-naha tat-tarag tal-genb.

Spjega li x-xoghol li kien qed isir fil-proprjeta mertu ta' din il-kawza parti minnu kienet *short term* u kien hemm iehor ta' tip *long term*, per ezempju l-ideja li l-post jigi rrangat sabiex it-tnax il-kamra residenzjali jinbidlu f'residenzi ghal irtiri, liema xoghol sar wara li giet approva l-applikazzjoni mill-MEPA, u filfatt kienet intnefqet is-somma ta' madwar Lm15,000 fuq dan ix-xoghol. Xehed ukoll illi f'Marzu 2006 il-Kurja kienet approva in-nefqa ta' Lm33,000 ghal xogholijiet li jinkludu access ghall-gnien u xogholijiet ohra necessarji, dejjem kif sanzjonat mill-MEPA. Zied illi fis-sena 2005/2006 kienu saru diversi xogholijiet ohra ta' htiega fil-Villa, u peress illi x-xogholijiet ma kienux saru f'daqqa l-ispiza kienet telghat aktar milli kien irrealizza u kellu jsir rikors sabiex il-Kurja tawtorizza l-hlas tal-bilanc rimanenti ta' Lm15,193 dovuti lill-kuntrattur Martin Busuttil. Zied li kien ukoll talab permess, li kien inghata, sabiex xi flus li kienu mahsubin ghad-dar tal-Kleru fil-Mellieha jew biex possibilment jintuzaw ghal xi bzonn tas-sacerdoti, jintuzaw minflok ghall-bzonnijiet ta' Villa Manduca. Qal ukoll illi kien sar kumitat zghir, li kien iltaqa xi tlett darbiet, bl-iksop illi jitwettqu l-progetti ftit ftit, u filfatt hafna mill-affarijiet pjanati kienu gew imwettqa.

**In kontro-ezami** a fol 989 *et seqq* u 1016 *et seqq* kkonfema x-xhieda moghtija minnu fl-affidavit, u xehed illi fl-2002 u fl-2003 kien qaddes il-quddies tal-festa l-Arcisqof stess u kien hemm prezenta Agatha Formosa Gauci fil-Kattidral fl-Imdina. Zied li kienet saret l-Imdina peress li dak iz-zmien il-proprjeta in kwistjoni kienet imharbta u ghalhekk il-festa ma setghatx issir hemm.

**Ir-Reverendu Kanonku Angelo Vella** xehed permezz ta' affidavit a fol 672 *et seqq* illi kien attenda laqgha tal-kleru f'Villa Manduca fl-2004 u minn dik is-sena kien ha hsieb diversi riparazzjonijiet u manutenzjonijiet tal-post, u kien ukoll jiehu hsieb il-Kappella, u dan bl-opra ta' diversi benefetturi u *helpers*. Xehed illi f'din il-villa kienu jinzammu diversi attivitajiet, u zioe zewg laqghat fix-xahar ghas-seminaristi u sacerdoti li jkunu qaddsu ghall-ahhar hames snin, adorazzjoni fil-kappella darba fil-gimgha bejn l-10.00am u l-4.00pm, laqgha pastorali darba fil-gimgha ghall-ommijiet, u inoltre hu u qassisin ohra kien qaddsu il-quddies ghal gruppi ta' zaghzagh diversi fil-kappella. Spjega li hu kien baqa involut fl-attivitajiet li kienu jinzammu f'Villa Manduca sas-sena 2009 ghaliex wara kien

dahal haddiehor. Kompla li fiz-zmien li kienu involut hu, fil-festa tar-Ruzarju kienu jaghmlu tlett ijiem preparazzjoni fl-ahhar gimgha ta' Ottubru, u fl-ahhar kienu jaghmlu quddies fil-kappella.

**In kontro-ezami** a fol 967 *et seqq* xehed illi fl-2004 il-proprjeta ma kienetx mitluqa, izda kellha bzonn ta' manutenzjoni u kienet vojta, ghalkemm kienet abitabbli. Xehed li t-titulari originali tal-Kappella jinsab fil-Muzew tal-Katidral, filwaqt fil-Kappella hemm kopja tieghu. Ikkonferma li l-proprjeta donata tintuza ghal numru ta' attivitajiet kif xehdu x-xhieda l-ohra prodotti mill-intimati.

**Fr. Ray Toledo** xehed a fol 676 *et seqq* illi huwa inhatar bhala delegat tal-parocci fl-2010, u fil-bidu l-Arcisqof kien tah l-inkarigu biex jara ezattament x'kien qed isir bil-progett ta' Villa Manduca u jara kif jistghu jaghmlu l-progetti vijabbli, u filfatt huwa kien ghamel proposta konkreta kif dan il-fond jista' jintuza ghad-djocesi. Spjega li huwa kien ghaqqad grupp u l-ewwel xahar kienu jmorru kwazi kuljum, anke biex jaraw kif il-progett jista' jkun *self-sustained* peress li kellhom problemi finanzjarji fid-djocesi. Qal li kienu raw li l-proprjeta tista' tinqasam fi tnejn, u peress li l-parti diga mibnija kienet ser tinvolvi wisq flus biex tigi riparata ghall-iskopijiet li riedu, u ghalhekk riedu jaraw x'jista' jigi zviluppat mill-proprjeta l-ohra mhux mibnija. Kompla li l-ideja kienet li ma jikkoncentrawx biss fuq is-sacerdoti anzjani li jistghu joqoghdu hemmhekk, izda li jinholoq zvilupp pastorali intiz b'mod partikolari ghaz-zaghzagh u t-tfal, u ghalhekk kienu hejjew il-pjanti necessarji u saret applikazzjoni mal-MEPA. Spjega illi f'dan l-izvilupp gdid riedu jinkorporaw servizz bhala *day centre*, post fejn jinbieghu affarijiet religjuzi u edukattivi bhala kotba u *CDs* , u riedu li l-post ikun jista' joffri servizz pastorali komplet ghall-istudenti tal-iskejjel tal-knisja, li jinkludi ikel, billi jkun xi tip ta' kafeterija u xi post residenzjali fejn ikunu jistghu jorqdu.
Xehed illi peress li hu kien delegat tal-parocci kien jitkellem mal-kapillani u ghalhekk jaf bic-cert li l-post donat kien qed jigi uzat mill-parocca, inkluz ghas-servizz ta' katekizmu. Xehed illi l-applikazzjoni ghada pendenti quddiem il-MEPA, u s'issa id-decizjoni tal-Isqof kienet li l-proprjeta donata tintuza mill-parocca.

**In kontro-ezami** a fol 686 *et seqq* xehed illi m'hemm l-ebda aspett kummercjali ghall-progett mahsub ghall-proprjeta donata, ghaliex l-iskop hu li tintuza mit-tfal, zaghzagh u n-nies li jkunu qed jaghmlu l-irtiri. Qal illi l-finanzjarjament ta' dan il-progett ser isir mid-djocesi. Spjega li l-kapillan dejjem jahdem f'isem l-Arcisqof, peress illi l-kappillani jinhatru mill-Arcisqof biex imexxi l-parocci f'ismu ghaliex hu ma jistghax jiehu hsieb il-parocci kollha. Spjega li l-ideja li l-fond jintuza bhala dar ta' rtir ghal qassisin u l-patrijiet kienet inbidlet peress li kienu raw li ma kienx ser ikun hemm bizzejjed kmamar biex dan il-progett ikun *self-sufficient.* Ikkonferma li l-applikazzjoni li saret kienet tinkludi 75 *garage places* u spejga li dan hu ghaliex il-*parking* kienet saret problema u ghalhekk kienet prijorita li jaghmlu post sabiex in-nies li juzaw ic-centru pastorali ikollhom fejn jipparkjaw il-karozza.

**Fr. Stephen Attard** xehed a fol 697 *et seqq* illi huwa ilu jokkupa l-kariga ta' vici kapillan fil-parocca ta' Marsaskala minn Lulju 2013, u qal li jaf li l-proprjeta in kwistjoni kienet tintuza ghal lezjonijiet tal-muzew u l-irtiri, u kienet anke ssir adorazzjoni kull gimgha u laqghat tas-sacerdoti. Qal li l-ewwel darba li kien mar il-Villa kien ra xi voluntiera jaghmlu xogholijiet ta' manutenzjoni, u li inoltre dak iz-zmien xi kmamar mill-Villa kienu qed jintuzaw minn tal-muzew biex jinhadmu l-pasturi tal-presepju tal-Milied. Xehed illi hu ghandu grupp ta' zghazagh li kull nhar ta' Sibt jmorru l-villa u jaghmlu x-xogholijiet li jkun hemm bzonn, u li apparti x-xogholijiet ta' manutenzjoni, kienu anke hawwlu aktar sigar tal-frott. Xehed illi l-proprjeta donata huwa juzaha ghal katekezi kontinwa taz-zghazagh u ghalhekk ikun hemm diversi attivitajiet, inkluz quddies, adorazzjoni u laqghat fuq suggetti rigward ir-religjon, u anke kien hemm laqgha ma' refugjati biex jaqsmu l-esperjenza taghhom. Qal li inoltre l-proprjeta tintuza ghall-irtier tal-Avvent u tar-Randan tal-abbatini, tintuza ghall-laqghat tal-Kummissjoni Parokkjali Tfal, ikun hemm Mothers' Prayers li jiltaqa' kull gimgha fejn grupp ta' ommijiet jitolbu ghall-genituri u l-familji, il-Pre-Youth jiltaqu' darbtejn fil-gimgha, il-volontiera tal-Knisja u anke d-dilettanti tal-festa jiltaqghu fil-Kappella, fejn gieli anke ssir quddiesa u forsi xi *barbeque.* Xehed illi l-*English Speaking Community* torganizza quddies bl-Ingliz kull nhar ta' Hadd fil-hdax ta' filghodu, u li gieli gie organizzat kors ta' formazzjoni spiritwali ghaz-zghazagh. Qal li inoltre hemm gruppi minn barra l-parocca li jitolbu li juzaw din il-proprjeta ghal affarijiet spiritwali, bhal per

ezempju il-patrijiet Frangiskani, is-sorijiet ta' Madre Tereza u zghazagh minn parocci ohra li jmorru jaghmlu laqghat hemmhekk. Rigward il-kappella xehed li din dejjem tibqa' armata bid-damask peress li kienu hadu parir illi d-damask antik isirlu l-hsara jekk kull darba jigi armat u zarmat.

Xehed li kienet ghada kif giet approva applikazzjoni mill-MEPA sabiex isiru xi xogholijiet ta' manutenzjoni, u cioe sabiex isiru xogholijiet fuq is-soqfa tal-villa. Qal li ghal din l-applikazzjoni kienet saret oggezzjoni mill-Avukat Francis Lanfranco.

**In kontro-ezami** a fol 708 *et seqq* ikkonferma illi tal-Muzew ghandhom ambjenti ohra f'La Sengle Street f'Marsaskala stess. Xehed li l-oggezzjoni tal-MEPA ma kienex qraha izda kien qallu bija l-Kappillan. Qal li kemm ilu hemm hu, il-quddies bl-Ingliz li ssir kull nhar ta' Hadd fil-Kappella dejjem baqghat issir u qatt ma waqfet, u li gieli filfatt qaddisa hu stess.

**Father Charles Cordina** xehed a fol 716 *et seqq* illi ghal xi zmien hu kien okkupa l-kariga ta' segretarju pastorali f'isem l-Arcisqof u kien jiehu hsieb il-hidma pastorali kollha tal-Knisja. Spjega li kienu waqqfu *TV Unit* li kien u ghada sallum jaghmel programm religjuzi jew socjo-religjuzi biex iwasslu l-valuri fis-socjeta Maltija, u li fost dawn il-programi kienu producew 'Ghada Jisbah Ukoll' li kien ingibed fil-proprjeta in kwistjoni, u li kien ixxandar regolarment minn Jannat 2004 sa Gunju 2004, u mbaghad minn Marzu sa Gunju 2006.

**In kontro-ezami** a fol 718 *et seqq* xehed illi d-dramm imsemmi kien parti edukattiv, izda li ma jafx jekk jaqax taht l-ambitu tal-att ta' donazzjoni.

**In ri-ezami** a fol 719 *et seqq* xehed illi l-programm imsemmi kien socjo-religjuz, u cioe kien japplika l-hajja tal-Vangelu ghal hajja ta' kuljum, u jwassal it-taghlim tal-Vangelu permezz ta' sitwazzjonijiet konkreti, li f'dan li kaz kienet il-hajja tal-familja u l-problemi familjari. Xehed illi huma kienu hargu l-flus biex saret din il-produzzjoni u ma kien hemm l-ebda profitt. Ghal ukoll illi kollox sar bl-approvazzjoni tal-Arcisqof.

**Father Martin Micallef** xehed a fol 724 *et seqq* illi hu kien il-Kappillan tal-Parocca ta' Marsaskala bejn l-2005 u l-2008. Spjega li fil-festa tal-Madonna tar-Ruzarju kienu jifthu l-Kappella, jaghmlu gurnata adorazzjoni u kienet issir quddiesa fil-ghaxija. Xehed illi kien hemm xi kmamar isfel fil-proprjeta donata li kienu jintuzaw minn tal-Muzew sabiex jaghmlu l-pasturi, li l-proprjeta donata kienet ukoll tintuza mis-sezzjoni femminili tal-Muzew, is-sala ta' taht il-kappella kienet tintuza ghal diversi funzjonijiet u anke kien jorqod hemm il-Vici Kapillan ghal xi zmien. Xehed illi kienu jsiru attivitajiet socjali organizzati mis-segretarjat tal-kleru, kien ikun laqghat ta' grupp ta' zghazagh, koppji jew anzjani, u kien anke gie organizzat *summer camp* ghal xi tfal b'diffikulta.

**In kontro-ezami** a fol 726 *et seqq* xehed illi huwa minnu li qatt ma kien stieden lil Formosa Gauci biex tippartecipa fil-festa, pero dan kien biss ghaliex ma kienx jaf biha.

**George Baldacchino** xehed a fol 729 *et seqq* illi ghal diversi snin kien ix-xufier tal-Arcisqof. Spjega li fl-1997 waqt li kienu sejrin Ghawdex, l-Arcisqof Mercieca kien qallu biex iwasslu Casa Arkati ghaliex kien hemm mara li kienet ser taghti xi proprjeta ghal knisja. Xehed li xi granet wara kienu marru Marsaskala fil-proprjeta in kwistjoni u hemmhekk kien hemm l-Avukat Lanfranco u kien hemm ukoll Father Albert u s-Sinjorina Formosa Gauci li kienet qalet lil Isqof li issa l-proprjeta kienet f'idejh biex jaghmel biha skont il-bzonnijiet fid-djocesi. Qal li mill-Kappella kienu hadu xi affarijiet tal-Knsija, izda mhux fidded peress li ma kienx hemm, u kienu hadu l-inkwatru titolari sabiex jitpogga fil-Muzew tal-Katidral. Xehed li l-Arcisqof kien imur spiss f'din il-proprjeta sabiex iqaddes privatament. Qal li l-proprjeta kienet ukoll tintuza ghall-laqghat tad-distrett, kien sar pellegrinagg tar-Randan, u jiftakar ukoll li kienu ghamlu xi festa tal-Madonna tar-Ruzarju. Qal ukoll illi eventwalment xi affarijiet tal-Kappella kienet ittiehdu ghar-ragunijiet ta' sigurta wara li xi hadd kien prova jisgassa l-bieb.

**In kontro-ezami** a fol 739 *et seqq* ikkonferma li dak in-nhar li kien ltaqu kien hemm tlett trakkijiet jghabbu l-ghamara.

**Fr. Anthony Cassar** xehed a fol 742 *et seqq* illi huwa kien Kapillan tal-Parocca ta' Marsaskala mill-1995 sal-2005. Xehed li sas-sena 1997, fil-festa tar-Ruzarju kienu jaghmlu purcissjoni li kienet tispicca Villa Manduca u kienet issir quddiesa fil-kappella hemmhekk, peress li dak iz-zmien Marsaskala kienet ghada zghira, u filfatt kien jingieb l-inkwatru titolari mill-Kurja ghal din l-okkazjoni. Kompla li pero, meta bdew jizdiedu n-nies sar perikoluz li ssir il-quddies hemm, ghalhekk kien tkellem ma' Agatha Formosa Gauci, u bil-kunsens taghha il-quddiesa bdiet issir fil-knisja parrokkjali. Qal li filfatt, l-istess Formosa Gauci kienet taghtu zewg pitturi tal-genituri taghha, li ghadhom sal-llum fis-sagrestija, u l-quddies tal-Madonna tar-Ruzarju bdiet issir ghal ruh il-genituri taghha. Xehed li l-villa kienet tintuza ghal diversi laqghat, u mill-2005 kienet tintuza anke minn tal-Muzew.

**In kontro-ezami** a fol 745 *et seqq* xehed illi Agatha Formosa Gauci kienet marret aktar minn darba ghal quddies tal-festa fil-knisja parokkjali. Xehed illi ghalkemm huwa minnu li l-Muzew tas-subien ghandhom proprjeta ohra fejn jistghu isiru l-lezzjonijiet, s-sezzjoni tal-bniet ma kellhomx u huwa ghalhekk li juzaw Villa Manduca.

**Fr. Lino Spiteri** xehed a fol 750 *et seqq* illi fl-1998 l-Arcisqof Mercieca kien talbu jekk jistghax jghin fil-Villa Manduca u ghalhekk hu kien qabbad lil Perit Joe Bugeja biex jaghmel xi pjanti wara li kien gie deciz li d-dar tintuza ghall-irtiri. Xehed li dak iz-zmien il-Villa kienet fi stat abitabbli izda kien hemm hafna affarijiet nieqsin, bhal per ezempju kmamar mhux imbajjdin u madum imkisser.

**In kontro-ezami** a fol 757 *et seqq* xehed illi meta kien imur hu il-Villa filghodu ma kienetx tkun qed tintuza pero kien jaf li xi parti mill-proprjeta kienet tintuza.

**Monsinjur Anton Portelli** xehed permezz ta' affidavit a fol 755 *et seqq* illi fis-sena 2007 **kien prezenta zewg rikorsi lil Monsinjur Arcisqof Pawlu Cremona sabiex jinfeda l-piz ta' tlett quddisiet letti fis-sena, liema piz infeda billi tqieghed ammont ta' flus f'isem il-Legat ta' Luigi dei Conti Manduca u l-imghax taghhom imur fl-Ufficju Legati biex issir quddies. Il-Monsinjur Arcisqof kien iddegreta ghalhekk li kkellhom isiru 12 -il quddies ghal 25 sena mid-data tal-kuntratt ta' donazzjoni, u wara dan jibqghu jigi celebrati tlett**

**quddisiet letti fis-sena ghal dejjem. Kompla li fl-14 ta' Frar 2015 huwa kien ikkonferma, fuq talba tal-Monsijur Charles J. Scicluna, illi dawn l-obbligi piji kienu qed jitwettqu kif mitlub fl-Att ta' Donazzjoni tal-1997.**

**In kontro-ezami** a fol 945 *et seqq* u 984 *et seqq* xehed illi huwa ma kienx ra l-kuntratt ta' donazzjoni izda il-Monsinjur Depasquale kien qallu li kien hemm obbligu ta' tlett quddiesiet. Xehed illi l-ammont ta' quddisiet ma giex ikkalkolat fuq il-valur tal-proprjeta donata, izda fuq l-ammont ta' quddiesa li kellhom **isiru skont il-kuntratt.** Spejga li ma stabux *records* jekk sarux quddies bejn l-1997 u l-2007, **u ghalhekk ghamlu l-provvediment opportun,** pero mill-2007 qed isiru tlett quddisiet b'mod regolari. Rigward it-tnax -il quddies mitluba mill-Arcisqof qal li dawn qed isru regolarment.

**George Agius** xehed a fol 764 *et seqq* illi hu kien socju u mbaghad Superjur tal-Muzew ta' Marsaskala fl-2002. Xehed illi tal-Muzew gew mislufa xi kmamar mill-proprjeta donate biex juzawhom bhala workshop fejn jaghmlu pasturi u oggetti tal-Milied, sabiex jaghmlu klabb tas-sajf ghat-tfal, u anke l-Hadd kienu jaghmlu uzu minnha ghaliex xi drabi kienu johorgu t-tfal u mbaghad kienu jmorru hemm jghidu r-ruzarju. Xehed li jiftakar li dejjem kien hemm tnejn minn nies jiehdu hsieb il-manutenzjoni ta' din il-proprjeta. Qal ukoll illi Fr. Walter Cauchi kien juzu l-kamra t'isfel ghal xi zmien meta ma kellux fejn joqghod. Xehed li l-kappella kienet tintuza ghall-laqghat, celebrazzjonijiet, irtiri, u sabiex jighidu r-ruzarju, u kienet anke ssir adorazzjoni.

**Mary Farrell** xehdet a fol 768 *et seqq* illi hija ghandha 78 sena u twieledet u dejjem ghexet Marsaskala. Spjegat illi mill-1997, fil-festa tal-Madonna tar-Ruzarju ssir purcissjoni mill-knsija parokkjali li titla sal-kappella tal-proprjeta in kwistjoni , u ssir quddies barra din il-kappella, u filfatt hi kienet membru tal-kor li kien ikanta waqt din il-quddies. Xehdet li fil-proprjeta kienu jsiru hafna attivitajiet, inkluz Mothers' Prayer Group, rtiri, adorazzjoni, laqgha ta' lezzjoni divini u attivitajiet tal-Legion of Mary, u kien ikun hemm ukoll tal-Muzew. Qalet li barra minn hekk, kull nhar ta' Hadd u fil-festi ikun hemm quddiesa bl-Ingliz fil-11.00am.

**Miriam Bonello** xehdet a fol 777 *et seqq* illi hija ilha toqoghod Marsaskala mill-1997 u hija involuta bhala volontiera fil-parocca mill-2003. Xehdet li fis-7 ta' Ottubru tigi ccelebrata l-festa tal-Madonna tar-Ruzarju u dejjem saret u ghada ssir quddiesa fil-kappella ta' din il-villa. Xehdet li barra minn hekk mill-2007 bdiet issir adoprazzjoni fil-kappella ta' kull gimgha, u kienet ukoll ssir Mothers' prayers group tlett darbiet fil-gimgha. Xehdet li l-proprjeta kienet tigi mantenuta pjuttost tajjeb u mndaffa, u kienet tintuza ghal numru ta' attivitajiet inkluz laqghat, irtiri u attivitajiet tal-Legion of Mary, group tal-KPT, pre-teens u attivitajiet ohra.

**In kontro-ezami** a fol 779 *et seqq* xehdet illi tiftakar li kien hemm xi zmien fejn Fr. Cauchi kien joqghod f'din il-villa. Murija xi ritratti tal-gnien qalet li hija kienet midhla tal-proprjeta biss mill-2007 u tista' tghid li l-gnien kien mizmum sew hafna.

**Martin Busuttil** xehed a fol 783 *et seqq* illi huwa kien gie mqabbad minn Dun Guzepp Mifsud Bonnici biex jaghmel xogholijiet ta' manutenzjoni fil-proprjeta in kwistjoni. Qal li l-proprjeta kienet tigi uzata minn tal-Muzew u li kienet tigi uzata wkoll ghal xi attivitajiet.

**In kontro-ezami** a fol 785 *et seqq* xehed illi hu jaf bic-cert li jkun hemm attivitajiet ghaliex ikun hu li jgorr l-ikel ghal dawn. Xehed illi fil-proprjeta kien hemm kamra tal-banju wahda, li kien sarilha xi xoghol tal-*plumbing.* Muri xi ritratti tal-proprjeta ikkonferma li minn dawn ir-ritratti jidher li l-proprjeta ghandha bzonn manutenzjoni.

**Il-Kapillan Roderick Camilleri** xehed a fol 921 u 928 *et seqq* illi huwa ilu jokkupa l-kariga ta' Kapillan ta' Marsaskala minn Jannar 2016 u spjega li r-ritratti esebiti mmarkat bhala Photo 1 sa Photo 36, juru diversi attivitajiet li gew organizzati fil-proprjeta in kwistjoni, u xogholijiet li saru fl-istess proprjeta. Zied li ghadhom qed isiru xi xogholijiet, inkluz xogholijiet biex ikun hemm access ghal persuni b'dizabbilita. Spjega li l-Kappillan ta' qabblu kien tah struzzjonijiet rigward quddisiet li kellu jaghmel ghal erwieh tal-benefatturi tal-Villa Apap Bologna. Ikkonferma li l-proprjeta in kwistjoni tintuza ghal diversi attivitajiet, inkluz irtiri, adorazzjonijiet u laqghat. Xehed li fil-festa tal-Madonna tar-Ruzarju

saret purcissjoni u quddies, inkluz fil-knisja parokkjali, liema quddies giet offruta ghad-donaturi tal-proprjeta.

**In kontro-ezami** a fol 929 *et seqq* u *952 et seqq* ikkonferma li fil-Villa sar engagement party, u l-persuni involuti kienu tawh donazzjoni ta' €100 li hu mbaghad ta lil Kummissjoni Djakonika ghal familji fil-bzonn, u zied li missier l-gharusa kien volontier fit-tindif u manutenzjoni tal-villa. Spjega li dan il-festin kien jikkonsisti f'xi talb fil-kappella imbaghad hadu xi haga zghira u qasmu kejk fuq iz-zuntier, fil-presenza ta' Fr. Luke Cutajar. Zied li l-attendenza kienet ta' mhux aktar minn 20 persuna.

**Anthony Borg** xehed permezz ta' affidavit a fol 933 illi ghal habta tas-sena 2003 kienet giet mislufa parti mill-proprjeta in kwistjoni lil tal-Muzew sabiex isir fiha xoghol ta' pasturi u presepji fil-Milied biex jinghataw lit-tfal li jattendu l-Muzew. Zied li ghal dan ix-xoghol kienu jigbru tfal u zaghzagh. Xehed illi barra minn hekk hu jiehu hsieb il-hamrija li hemm mal-genb tat-tarag it-twil. Qal ukoll li fis-sajf kienu jorganizzaw attivitajiet ghat-tfal f'din l-istess proprjeta u kienu jghallmuhom il-*crafts* u dan ghal diversi snin.

**Beverly Saliba** xehdet permezz ta' affidavit a fol 934 *et seqq* illi fuq struzzjonijiet ta' Dun Walter Cauchi, f'Marzu 2011 kienet waqqfet grupp ghall-izvilupp holistiku taz-zaghzagh li beda jitlaqa' fil-proprjeta in kwistjoni peress li kien kiber. Xehdet li dan il-grupp huwa nvolut f'diversi attivitajiet religjuzi, socjo-kulturali, sportivi u hidmiet ta' volontarjat.

**Victor Vento** xehed permezz ta' affidavit a fol 935 *et seqq* illi mill-bidu tas-sena 2012, hu u grupp ta' voluntiera bdew jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni fil-proprjeta in kwistjoni. Xehed li dan ix-xoghol kien jinkludi installazzjoni ta' dawl u ilma u r-restawr tal-bibien u l-aperturi.

**Ikkonsidrat;**

In linja preliminari, Dottor Michelle Tabone noe eccepiet illi il-Monsinjur Arcisqof f'ismu proprju m'huwiex il-legittimu kontradittur peress illi l-kuntratt ta'

donazzjoni tal-14 ta' Awissu 1997 ma sarx mal-Arcisqof f'ismu proprju, izda mal-Enti Guridiku Ekklesjastiku 'l-Arcidjocesi ta' Malta'. Din l-eccezzjoni giet sorvolata permezz tad-digriet ta din il-Qorti tas-6 ta' Marzu 2012, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Il-kjamata in kawza Parocca ta' Wied il-Ghajn eccepiet preliminarjament illi r-rikorrenti ghandhom jipprova it-titolu taghhom sabiex iressqu din l-azzjoni, peress li huma m'humiex id-donaturi tal-proprjeta in kwistjoni.

Mill-provi jirrizulta illi ir-rikorrent Dr. Francis Lanfranco huwa l-eredi universali tal-mejta Maria Carmela sive Carmelina Debattista, kif jidher mit-testment taghha a fol 27 *et seqq*, li kienet tinkludi sehem konsistenti f'nofs indiviz tal-proprjeta in kwistjoni. Minn naha taghhhom, ir-rikorrenti Dr. Mark Attard Montalto u Henry Degaura Caruana Gatto huwa s-successuri fit-titolu ta' d-donatrici l-ohra, Agatha Formosa Gauci, in forza tal-att ta' donazzjoni tas-7 ta' Frar 2007, fejn gew donati '*any residual rights which emanate"* mid-donazzjoni in kwistjoni.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghat-taghlim ta' Laurent, li msemmija li huwa possibili, fil-kaz ta' inadempjenza tal-kondizzjoni imposti fil-kuntratt ta' donazzjoni, ghall-eredi tad-donatur li jistitwixxu azzjoni ghar-revoka tad-donazzjoni, u dan anke meta l-inadempjenza tkun okkoriet wara l-mewt tad-donatur.[1] Ghalhekk huwa car illi r-rikorrenti kollha ghandhom it-titolu necessarju sabiex jippromwovu din l-azzjoni. Konsegwentement din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Dottor Michelle Tabone noe ressqet ukoll numru ta' eccezzjoniet, bin-numru 2 sa 4 rigward kwistjonijiet li ghandhom x'jaqsmu ma negozju li kien qed jigi trattat

---

[1] F. Laurent, Supplemento ai Prinicipi di Diritto Civile, Vol. IV (Societa Editrice Libraria, 1905) 142.

mill-partijiet qabel ma giet intavolata din il-kawza. Huwa car li t-talbiet li saru mir-rikorrenti huwa msejsa fuq il-kuntratt ta' donazzjoni innifsu, u fuq inadempjenza ta' obbligi imposti minnu li qed tigi allegata mir-rikorrenti, u ghalhekk il-Qorti tqis illi dawn l-eccezzjonijiet huma infondati u qed jigu respinti.

**Ikkonsidrat;**

L-intimati stess *ex admissis* jaccettaw illi l-oneri imposti f'din id-donazzjoni kienu tat-tip modus. It-terminu *modus* li gej mid-dritt Ruman, gie definit bhala:

> **"[a]** ***measure, a limit. In the meaning of a burden, a duty imposed in acts of liberality (donations, legacies, manumissions) on a beneficiary, the term is of late origin…Sometimes the term covers what was a CONDICIO (condition) in the classical language. In the classical law it was disputable whether a duty imposed as a modus created on the part of the beneficiary a binding obligation*.**"[2]

It-terminu **'modo'** gie definit mill-**awturi Bonilini u Confortini** b'dan il-mod:

**"*Il modo costituisce un peso od onere con il-cuale il donante impone al donatario l-obbligo di destinare parte u tutto il proprio vantaggio per il perseguimento di uno scopo o di compiere una azione a vantaggio del donante stesso o di un altro.*"**[3]

Skont id-dritt Ruman ukoll, din id-donazzjoni, msejjha bhala '*donatio sub modo'* hija:

> **"[a]** ***donation in which the donor imposed on the donee a certain performance (for instance, the erection of a monument in his honour). The term modus was unknown***

---

[2] **A. Berger, *Encyclopaedic Dictionary of Roman Law* (The American Philosophical Society, 1953) 585.**
[3] **G. Bonilini u M. Confortini, '*Codice Commentato delle Succesioni e Donazioni*' ( 2nd ed, UTET Guridica 2011) 1203.**

> ***to the classical language in such connection. The beneficiary was only morally obliged to fulfil the donor's wish, unless it was expressed in the form of a condition ("si…") of the validity of the donatio or the donee assumed the pertinent duty by a stipulatio. Imperial and Justinian's legislation gave the donor and his heirs means to enforce the fulfilment of the modus or to annul the donation.*"**[4]

Fid-dritt Ruman, din it-tip ta' donazzjoni kienet tissejjah ukoll bhala ***'negotium mixtum cum donatio'*** li jinsab definit bil-mod li gej:

> **"*A bilateral transaction with reciprocal but unequal performances, wherein one of the parties intending to make a donation gave the other party a thing of much greater value than he was receiving.*"**[5]

L-awtur **R.W.Lee** jikkonferma illi sa minn zmien id-dritt Ruma kien possibli illi donazzjoni sub modo kienet taghraf mid-dritt ta' rexissjoni fil-kaz ta' inadempjenza, kif jidher minn din is-silta:

> **"*If a gift was made with a limitation or charge annexed to it (donatio sub modo) to which the donee failed to give effect, the gift might be recalled.*"**[6]

Skont Laurent l-inadempjenza ta' oneru mpost f'kuntratt ta' donazzjoni tista' twassal ghar-rexissjoni tad-donazzjoni, u dan anke fil-kaz illi l-inadempienza hija parziali.[7]

Inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Ippolito Matarazzo Virginia vs Istituto delle Suore Missionarie Catechiste del Sacro Cuore** deciza mill-Corte di Cassazzione Taljana fit-30 ta' Settembru 2014 rigward id-donazzjoni modali illi:

---

[4] *Ibid*., 443.
[5] *Ibid*., 594.
[6] R. W. Lee, *The Elements of Roman Law* (IV Ed., Sweet and Maxwell Limited 1956) 148.
[7] Laurent, vide nota 1, 141 - 145.

> ***"…se è indubitabile che l'onere imposto al donatario costituisce vera e propria obbligazione, sicché la mancata sua esecuzione, quando sia determinata da inadempimento imputabile al donatario - onerato, può essere causa di risoluzione della donazione, qualora, giusta la previsione del 4 0 co. dell'art. 793 c.c., nel medesimo atto di liberalità la risoluzione sia espressamente preveduta (cfr. Cass. 30.3.1985, n. 2237), non è, al contempo, contrariamente a quanto pretende la ricorrente, per nulla da censurare - ben vero al di là del riferimento nella motivazione all'art. 1455 c.c. - l'affermazione della corte distrettuale secondo cui "deve pur effettuarsi una valutazione della rilevanza della presunta violazione con riferimento oltre che alla volontà dei contraenti, alla natura e finalità del rapporto, nonché al concreto interesse dell'altra parte" (così sentenza d'appello, pag. 16)."***

F'sentenza ohra, il-Corte di Cassazione Taljana ordnat ir-rexissjoni ta' donazzjoni maghmula mir-rikorrenti mill-intimata, wara li rrizulta li l-intimata ma kienetx onorat il-kondizzjoni mposa fil-kuntratt ta' donazzjoni li taghti assistenza morali u materjali lid-donatarju u martu, u wara li l-intimata naqset milli tressaq prova sodisfacjenti illi l-inadempiment ma kienx imputabbli lilha.[8] Filfatt, skont l-istess Corte di Cassazione, huwa possibli li l-Qorti tordna x-xolljiment ta' donazzjoni fil-kaz ta' inadempjenza, jekk ikun hemm prova mir-rikorrenti tal-inadempjenza allegata,

> "*…il donatario convenuto in risoluzione per inadempiemento del modus donativo a dover provere la causa non imputabile dell'inadempimento stess…*"[9]

---

[8] **Barrasso Maria Grazia vs Annese Maria,** Corte di Cassazione, Num. 21208, deciza 17 ta' Settembru 2013.

[9] **Centrale Latte Parma SRL vs Fondazione Bizzozero,** Corte di Cassazzione, Num. 18205 deciza 24 ta' Lulju 2017.

L-awturi Bonilini u Confortini wkoll jikkonfermaw illi l-inadempjiment ta' oneru mpost f'kuntratt ta' donazzjoni jista' jwassal ghar-rexissjoni tal-kuntratt, ghalkemm skont il-ligi Taljana dan ir-rimedju huwa disponibbli biss fil-kaz illi jkun gie espressament provdut fil-kuntratt ta' donazzjoni.[10]

Fil-ligi Maltija kif ukoll fil-gurisprudenza Maltija jidher illi hemm distinzzjoni netta bejn *modus* u *condicitio* cioe' kondizzjoni rizoluttiva.

Skont il-Professur Caruana Galizia, fin-*Notes on Civil Law* tieghu, hekk kif revizati mill-Professur Ganado:

> "*A donation may be made subject to a resolutive condition, provided the future event does not depend solely on the will of the donor, since such a condition would amount to a reservation of the power to revoke the donation.*"[11]

Huwa car ghalhekk illi ghalkemm id-donazzjoni huma ta' natura irrevokabbli, il-ligi taghraf numru ta' sitwazzjonijiet, espressament previsti fil-ligi stess, fejn minkejja din in-natura, donazzjoni tista' tigi revokata. Wahda minn dawn ic-cirkostanzi, kif jirrizulta mill-ligi, gurisprudenza u l-akkademja, hija dik meta jkun hemm inadempjenza fil-kaz illi jkun gie mpost xi kondizzjoni rizoluttiva, espressa jew tacita' fil-kuntratt ta' donazzjoni. Dan jirrizulta wkoll mill-ligi Maltija fl-Artikolu 1785 tal-Kodici Civili:

> "*Id-donazzjonijiet jistgħu jitħassru biss bis-saħħa ta' kondizzjoni riżoluttiva, espressa jew taċita, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1066, 1067, 1068 u 1069, jew minħabba ingratitudni jew, fil-każ ta' dotazzjonijiet lil organizzazzjonijiet stabbiliti skont it-Tieni Skeda, bis-saħħa tad- dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-revoka ta' fondazzjonijiet ta dotazzjonijiet mogħtija lil organizzazzjoni.*"

[10] Bonilini u Confortini, nota 3, 1206.
[11] V. Caruana Galizia, *Notes on Civil Law* (The University of Malta, 1981) 931.

Skont il-ligi Maltija, senjatament l-Artikolu 1068 tal-Kodici Civili:

> "*Il-kondizzjoni riżoluttiva* ***tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali****, fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha:*
>
> *Iżda, f'dak il-każ, il-kuntratt ma jinħallx ipso jure, u l-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ.*"

Kif inghad fis-sentenza mill-Qorti tal-Appell, vide Vol.XXII, Part 1, 1944 - 1946 a fol 272 et seqq, **Nobbli Giorgio Cassar Desain vs Markiz James Cassar Desain Viani et**, deciza fil-25 ta' Gunju, 1945:

> ***"U allura ghandu jiftiehem izjed ragjonevolment illi t-testatur ried jaghmel piz lil dak li diga' ppossjeda u qieghed igawdi l-primogenitura; huwa tefghalu l-obligu, u dan l-obligu ma jistax ikun haga'ohra hief piz, "modus", illi l-pussess tieghu ghandu jigi gravat kif qal huwa, ... fis-sens li ghandu jgib il-kunjom ta' Cassar Desain wahdu. Kieku t-testatur ried jaghmel kondizzjoni rizolutiva kien ighid f'termini cari illi fil-kaz ta' kontravvenzjoni l-possessur jitlef kollox u jaqa' mill-primogenitura "ex tunc", qisu qatt ma kien possessor taghha, ghax din hija l-vera natura tal-kondizzjoni rizolutiva."***

Di piu, fil-kaz fl-ismijiet **"Dr.Caruana vs. Strickland" (Kollez. Vol. XVIII – II – 106)**, gie ritenut illi klawsola simili ghal piz indikat fil-kawza **Nobbli Giorgio Cassar Desain vs Markiz James Cassar Desain Viani et** kellha tigi kunsidrata bhala ***"modus"***, u mhux bhala kondizzjoni rizolutiva. Di piu', ***"fil-kaz jista' jkun hemm xi dubju, dan ghandu jmur favur il-"modus",*** il-ghaliex ***"in re dubia benigniorem interpretationem seqiu non minus justius est quam tutius"*** .

Di piu' jekk huwa ravvizat kontravenzjoni, l-Qorti ghandha tezamina jekk din kienitx gejja minn volonta deliberata cioe' *"dolous"* jew almenu *"culpa gravis"* jew inkella *"error scusabilis"*, il-ghaliex ***"mhux biss il-gustizzja u l-ekwita' jirrikjedu temperament izda anka il-menti tal-istess fundatur"***[12]. F'kas ta' *"error scusabilis"*, il-Qorti takkorda terminu ta' zmien ghall-ottomperament.

Rigward in-natura tal-kuntratt ta' donazzjoni, l-awtur Zimmerman jghallem illi:

> "*Donation was conceived by Constantine as a bilateral act that was immediately executed and that led to the instant transfer of ownership from the donor to the donee. Instead of being the causa of the transfer, it became one of its modes*."[13]

F'kull kuntratt ta' donazzjoni, qua kuntratt bilaterali, meta jigi impost oneru jew piz fuq min qed jircievi d-donazzjoni, wiehed irid jevalwa jekk dan huwiex ta' natura *modus* jew huwiex kondizzjoni rizoluttiva. Huwa biss f'kaz ta' inadempjament ta' kondizzjoni rizoluttiva espressa jew tacita' li tista' twassal sabiex il-Qorti tordna li jinhall il-kuntratt. Il-kuntratt pero ma jinhallx *ipso jure* il-ghaliex il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li takkorda lill-intimat zmien sabiex jonora l-obbligi tieghu.

In vista ta' dan kollu ghalhekk, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni jista' jigi rexiss mill-Qorti, fil-kaz li jirrizultaw fondati l-allegazzjoni ta' inadempjenza ta' kondizzjonijiet rizoluttivi fil-kuntratt in-ezami kif sostnut mir-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

L-intimati eccepew ukoll illi huma ma kienux inadempjenti f'xi obbligu mpost fuqhom mill-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni.

---

[12] Ibid vide Caruana vs Strickland
[13] R. Zimmerman, *The Law of Obligations* (Juta & Co Ltd, 1990) 492.

Wara li rat il-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awissu 1997 li jinsab ezebit a fol 13 *et seqq* tal-process, il-Qorti taghraf illi id-donatarju, u cioe l-Arcisqof f'isem l-Arcidjocesi ta' Malta, kienu accettaw din id-donazzjoni taht is-segwenti obbligi, li skont ir-rikorrenti ma gewx onorati:

1. Illi l-proprjeta donata ghandha tintuza esklussivament ghal ghanijiet specifikati fil-kuntratt: u cioe bhala Dar tal-Kleru, ghas-Sacerdoti Sekulari u Religjuzi jew bhala residenza jew uzu iehor mis-Seminaristi ta' l-Arcidjocesi, jew ghal xi uzu iehor spiritwali, pastorali u/jew edukattiv li tigi determinati mid-Donatarju, u cioe l-Arcisqof f'isem l-Arcidjocesi ta' Malta jew mis-Successuri tieghu fit-titolu;

2. Illi d-donatarju jassumi l-obbligi u l-pizijiet piji kollha *ad letteram* imposti a tenur tal-kuntratt tal-Fondazzjoni tat-13 ta' Lulju 1855;

3. Illi d-donatarju, '*bhala sinjal ta' rikonoxxenza'* jiehu hsieb li jigi celebrat numru ta' quddies u li jsir talb ghall-intenzjoni tad-donaturi anke wara mewthom.

Fir-rigward ta' l-ewwel obbligu cioe' dak marbut mal-uzu tal-proprjeta donata, il-Qorti rat illi din ghandha in-natura ta' kondizzjoni rizoluttiva tacita. Il-Qorti pero rat ukoll illi ghalkemm ir-rikorrenti jikkontendu illi l-proprjeta setghat tigi uzata biss bhala dar tal-kleru ghas-sacerdoti, jew ghas-seminaristi tal-Arcidjocesi, **jidher *ictu oculi* mill-kuntratt ta' donazzjoni, illi l-intimati espressament inghataw id-dritt mid-donaturi illi juzaw din il-proprjeta <u>ghal skopijiet ohra</u>, basta li dawn ikunu ta' natura spiritwali, pastolari u/jew edukattivi.**

Mill-provi voluminizi prodotti quddiem din il-Qorti jirrizulta illi fil-fatt, ghalkemm din il-proprjeta ma kienetx qed tigi uzata bhala Dar tal-Kleru, peress li

kien irrizulta li dan ma kienx uzu vijabbli ghal din il-proprjeta, il-proprjeta kienet qed tigi uzata ghal varji attivitajiet li jaqu taht l-iskopijiet li ghalihom giet donata l-proprjeta, u cioe **skopijiet spiritwali, pastorali, u/jew edukattivi**. Din il-Qorti semghat illi din il-proprjeta kienet tintuza sabiex isiru adorazzjonijiet, laqghat ta' diversi gruppi religjuzi, attivitajiet tal-Legion of Mary, attivitajiet religjuzi, formattivi u socjo-kulturali ghat-tfal u z-zghazagh, quddies waqt attivitajiet varji u quddies bl-Ingliz ghal persuni barranin, *summer schools, prayer groups* u anke *summer camp* ghat-tfal refugjati. Filfatt anke l-izvilupp li gie propost huwa sabiex isir centru pastorali, u il-permess ghal restaurant, u hanut ilmentat mir-rikorrenti, gew spjegati waqt il-provi illi dan kien intiz proprju sabiex ikun possibli illi jsiru irtiri u attivitajiet ohra fejn ikun jista' jigi servit ikel, u sabiex jinbieghu oggetti religjuzi u/jew edukattivi, u mhux ghal skopijiet kummercjali. Dan zgur jaqa' fl-ambitu tal-iskopijiet li ghalihom kienet intiza din id-donazzjoni, u ghalhekk il-Qorti tqis illi m'hemm xejn censurabbli fl-agir tal-intimati f'dan ir-rigward.

Ghalkemm huwa minnu, f'okkazzjoni wahda, din il-proprjeta giet uzata ghal skopijiet illi m'humiex prettament religjuzi, pastorali jew edukattivi, bhala meta sar festin zghir ta' engagement li sar ghal bint wiehed mill-volontiera li jghinu fil-manutenzjoni tal-proprjeta, (minkejja illi kien hemm element religjuz marginali), il-Qorti tqis illi din m'hijiex vjolazzjoni serja bizzejed li twassal ghar-rexissjoni tad-donazzjoni.

Fir-rigward tal-quddies li kellu ssir ghall-intenzjoni tad-donaturi, u ghas-suffragju ta' ruhhom wara mewthom, il-Qorti tqis l-ewwel nett, illi inadempjiment ta' dan il-***"modus"*** ma jistghax iwassal ghar-rexissjoni tad-donazzjoni, u dan ikkonsidrat illi dan l-piz gie assunt espressament bhala sinjal ta' rikonoxxenza, u ghalhekk fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti ma jistghax jitqies bhala kondizzjoni rizoluttiva. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti rat fil-verita kienu jsiru numru ta' quddies ghall-intenzjoni tad-donaturi, tant li dan huwa mnizzel fil-ktieb tal-quddies ta' nhar ta' Sibt u Hadd tal-festa ta' Sant'Anna. Barra minn hekk, irrizulta wkoll illi meta dawn il-pizjiet gew mifdija, l-Arcisqof kien iddegreta li ghandhom isiru tnax (12)

– il quddiesa fix-xahar ghall-intenzjonijiet tad-donaturi, u gie kkonfermat quddiem din il-Qorti li filfatt dawn kienu qed isiru regolarment.

Fir-rigward tat-tieni ***"modus",*** li hu relatat ma obbligi piji mposti mill-kuntratt tal-1855, ta' tlett quddisiet letti fis-sena, inkluz wahda waqt il-festa tal-Madonna tar-Ruzarju, li kellhom isiru fil-Kappella li tifforma parti mid-donazzjoni in kwistjoni, il-Qorti rat l-ewwel nett illi dan il-piz kien gie mifdi fuq rikors maghmul mill-Arcisqof, u li dawn it-tlett quddisiet qed isiru regolarment. Fir-rigward tal-purcissjoni u quddies tal-festa, il-Qorti rat illi din il-quddies kienet waqfet issir ghal xi zmien, ghaliex kien gie kkonstatat illi l-Kappella kienet zghira wisq ghan-numru ta' nies li kienu qieghdin jattendu, u ghaliex il-Kappillan, ex admissis qal li ma kienx jaf li kellha ssir b'dan il-mod. Illi pero, l-Qorti semghat, li din il-purcissjoni reghat bdiet issir b'mod li tispicca quddiem din il-kappella, u li sussegwentement issir quddies fuq barra tal-kappella, liema quddies issir b'sufragju ta' ruh id-donaturi. Barra minn hekk il-Qorti semghat illi oltre dan kollu, mhux talli qed isiru tlett quddisiet fis-sena f'din il-kappella, **izda talli qed isir quddies bl-Ingliz <u>kull gimgha</u>, <u>u fil-festi kmandati</u>, u cioe qed isir aktar minn 50 quddies fis-sena f'din il-Kappella.** Ghalhekk jekk ghal xi perjodi qosra kien hemm xi nuqqas ta' quddies, dan in-nuqqas gie certament u ampjament mifdi bil-quddies ta' kull nhar ta' Hadd f'din il-kappella.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk ma tezisitix l-inadempjenza ravvizata mir-rikorrenti li tista' twassal ghar-revoka ta' din id-donazzjoni. Ghalkemm jirrizulta li kien hemm xi zmien fejn id-donatarju ma kienx qed jonora strettament il-pizijiet mposti f'dan il-kuntratt, jirrizulta illi mal-mghoddija ta' zmien, dawn in-nuqqasijiet mhux biss gew rizolti mid-donatarju stess, izda n-nuqqasijiet gew mifdija. Ikkonsidrat illi huwa permess ghal Qorti li taghti zmien sabiex id-donatarju jonora l-obbligi mposti fuqu fil-kaz ta' kondizzjoni rizolutiva tacita, il-Qorti tqis illi *multo magis* f'dan il-kaz ghandha tiddeklina milli tilqa' talba tar-rikorrenti, ikkonsidrat illi l-intimati bdew u komplew jonoraw fedelment il-pizijiet mposti fuqhom fil-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni minghajr il-htiega li l-Qorti taghtihom zmien biex jaghmlu dan.

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-eccezjonijiet numru 1, 2, 3, 4, 5 u 7 tal-Avukat Dottor Michalle Tabone noe, u tichad ukoll l-eccezzjonijiet numru 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 10 u ll tal-kjamata in kawza Parocca ta' Wied il-Ghajn, tilqa l-eccezjoni numru 6 tal- Avukat Dottor Michalle Tabone noe, u tilqa l-eccezzjoni numru 9 tal-kjamata in kawza Parocca ta' Wied il-Ghajn u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**Bl-ispejjez kollha a karigu tar-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**